



Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà tal- Apprendiment

Rapport Finali

#LearningMobilityEU

Il-manuskritt tlesta f'Novembru 2023

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023



© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Ir-ritratti kollha © L-Unjoni Ewropea.

Print ISBN 978-92-68-09233-0

doi:10.2775/682429

NA-09-23-534-MT-C

PDF ISBN 978-92-68-09181-4

doi:10.2775/084861

NA-09-23-534-MT-N


WERREJ

1. Introduzzjoni	2
2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taç-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà tal-Apprendiment.....	5
2.1. Għażla aleatorja u kompożizzjoni demografika tal-panel.....	6
2.2. Kumitat ta' Tmexxija	9
2.3. Kumitat tal-Għarfien	10
2.4. Ċentru tal-Għarfien u l-Informazzjoni.....	11
2.5. Kelliema.....	11
2.6. Moderaturi ewlenin	13
2.7. Faċilitaturi.....	14
2.8. Osservaturi.....	15
3. Qafas metodoloġiku u sessjonijiet individwali.....	18
3.1. Qafas metodoloġiku	19
3.2. Sessjoni 1: Proċess u outputs.....	20
3.3. Sessjoni 2: Proċess u outputs.....	24
3.4. Sessjoni 3: Proċess u outputs.....	26
4. Il-passi li jmiss.....	33
Anness: Ir-rakkomandazzjonijiet kollha	36

1. Introduzzjoni

#LearningMobilityEU

European Citizens Panel
**learning
mobility**
Have Your Say
Aġenda



Fl-2023, il-Kummissjoni Ewropea organizzat tliet panels taç-ċittadini Ewropej, li wieħed minnhom id-diskuta s-suġġett tal-“mobblità tal-apprendiment”. Kull wieħed mill-panels laqqa’ flimkien sa 150 ċittadin magħżula b’mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel il-proposti ewlenin tal-Kummissjoni. Il-panels iwettqu l-impenn espress mill-Komunikazzjoni tas-17 ta’ Ġunju 2022 “Il-konferenza dwar il-futur tal-Ewropa: Naqilbu l-Viżjoni f’Azzjoni Konkreta”⁽¹⁾ u mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni. Il-Panel taç-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobblità tal-Apprendiment kien it-tielet panel li tlaqqa’, bi tliet sessjonijiet organizzati bejn it-3 u l-5 ta’ Marzu, l-24 u s-26 ta’ Marzu u t-28 u t-30 ta’ April. Il-panel tlaqqa’ fl-isfond tal-ħidma preparatorja għall-**proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobblità tal-apprendiment, biex jinforma lill-Kummissjoni dwar il-perspettiva taç-ċittadini** u jikseb ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

“Mobblità tal-apprendiment” hija t-terminu użat meta wieħed jibqa’ barra mill-pajjiż għal ċertu ammont ta’ żmien għall-għan ta’ apprendiment, f’ambjent bħal università, skola jew saħansitra kumpanija jew bħala parti minn skambju taż-żgħażaġh. Illum, il-mobblità tal-apprendiment hija komponent essenzjali tal-edukazzjoni moderna u għodda kruċjali għall-promozz-

joni tal-apprendiment tul il-ħajja, l-iżvilupp personali u l-fehim interkulturali. Madankollu, għad hemm sfidi sinifikanti biex il-mobblità tal-apprendiment issir aċċessibbli, inklużiva u effettiva għall-istudenti kollha fl-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li tirrikonoxxi dawn l-isfidi, l-UE ħadet rwol attiv fil-promozzjoni tal-mobblità tal-apprendiment u fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-parteċipazzjoni. L-istrateġija tal-Kummissjoni għall-2025 għaż-żona tal-edukazzjoni Ewropea, pereżempju, tistabbilixxi għanijiet ambizzjużi biex l-opportunitajiet għall-mobblità tal-apprendiment isiru realtà għal kulħadd, u għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-eżiti tal-apprendiment miksuba barra mill-pajjiż. Madankollu, biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jeħtieġ li jiġu indirizzati sfidi politiċi kumplessi relatati mal-finanzjament, il-ħiliet lingwistiċi, ir-rikonoxximent u l-integrazzjoni soċjali u kulturali. L-UE għandha rwol kritiku fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn biex tindirizza dawn l-isfidi u tiżviluppa soluzzjonijiet fattibbli.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2022), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-konferenza dwar il-futur tal-Ewropa: Naqilbu l-Viżjoni f’Azzjoni Konkreta, COM(2022) 404 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0404>).



Fl-2023, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq proposta ġdida ta' politika bl-għan li tippromwovi l-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd fil-qasam tal-edukazzjoni Ewropew. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni organizzat panel taċ-ċittadini Ewropej, u stiednet lill-parteċipanti jwiegħbu l-mistoqsija li ġejja: **"Kif nis-tgħu nagħmlu l-opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment realtà għal kulħadd?"** Iċ-ċittadini ġew mistiedna jidentifikaw l-ostakli ewlenin għall-mobbiltà tal-apprendiment u x'jeħtieġ li jsir biex din issir realtà għal kulħadd.

Abbażi tal-materjali tal-informazzjoni, l-inputs mill-es-perti, u d-dibattiti fil-gruppi ta' ħidma u fil-plenarji, il-parteċipanti fil-panel identifikaw u taw prijorità lil kwistjonijiet rilevanti għall-proposta ta' politika l-ġdida tal-Kummissjoni. L-inputs u l-outputs tal-panel huma miġbura fil-qosor f'dan ir-rapport, inkluż fl-anness tiegħu. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-panel u jstabbilixxi l-qafas metodoloġiku tiegħu, il-mod kif id-dibattiti ġew iffaċilitati, l-outputs tat-tliet sessjonijiet u l-passi li jmiss. Fl-aħħar, jinsiltu tagħlimiet u konklużjonijiet mill-proċess kollu.

A woman with long blonde hair, wearing a white top and a dark skirt, stands at a podium on a stage, addressing an audience. The audience is seated in rows of chairs, facing the stage. In the background, a large screen displays the word "welcome" in various languages and fonts. The scene is overlaid with a semi-transparent orange and blue graphic design.

2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Mobbiltà tal-Apprendiment

2.1. GĦAŻLA ALEATORJA U KOMPOŻIZZJONI DEMOGRAFIKA TAL-PANEL

Il-parteċipanti fil-panel ġew irrekutati permezz ta' għażla aleatorja peress li dan huwa approċċ ġust, konsistenti u affidabbli għall-għażla tal-individwi għal tali proċessi parteċipattivi. Għażla aleatorja u applikata kif

suppost tista' żżid id-diversità u r-rappreżentattività. Ir-reklutaġġ sar minn Kantar Public, bis-sostenn ta' 27 aġenzija nazzjonali ta' reklutaġġ. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-parteċipanti ġew irrekutati bit-telefown, bl-użu ta' telefonati diġitali aleatorji. Madankollu, f'xi pajjiżi oħrajn, intużaw metodi wiċċ imb wiċċ jew għażla aleatorja minn panel probablistiku online (il-Lussemburgu biss). Ir-rata medja ta' aċċettazzjoni varjat fost l-Istati Membri, b'medja ġenerali ta' 5.15 %.

Tabella 1: Kompożizzjoni demografika tal-panel



PAJJIŻ	PARTEĊIPANTI FIL-MIRA	PARTEĊIPANTI REALI		
		Sessjoni 1	Sessjoni 2	Sessjoni 3
Il-Belġju	5	4	4	4
Il-Bulgarija	4	4	4	4
Iċ- Ċekja	5	5	5	5
Id-Danimarka	3	3	3	3
Il-Ġermanja	19	19	15	14
L-Estonja	2	2	2	2
L-Irlanda	3	3	3	3
Il-Greċja	5	5	5	5
Spanja	12	12	12	11
Franza	15	15	15	14
Il-Kroazja	2	2	2	2
L-Italja	15	15	15	15
Ċipru	2	2	2	2
Il-Latvja	2	3	3	3
Il-Litwanja	2	2	2	2
Il-Lussemburgu	2	2	2	2
L-Ungerija	5	5	5	5
Malta	2	2	1	1
In-Netherlands	6	4	4	4
L-Awstrija	4	4	3	4
Il-Polonja	10	10	10	10
Il-Portugall	5	4	4	4
Ir-Rumanija	7	7	7	7
Is-Slovenja	2	2	2	2
Is-Slovakkja	3	3	3	3
Il-Finlandja	3	3	3	3
L-Iżvezja	5	4	3	3
Total	150	142	139	137

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għadd mixtieq ta' membri tal-panel taċ-ċittadini madwar l-Istati Membri (kwoti tal-pajjiżi), kif ukoll l-għadd reali u l-proporzjon tal-pajjiżi ta' parteċipanti għal kull sessjoni. L-għan kien li jintlaħaq livell ta' rappreżentanza tal-Istati Membri li jkun proporzjonali għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, ibbilanċjat minn minimu ta' żewġ ċittadini għal kull pajjiż ⁽²⁾. Fi kliem ieħor, ġew stabbiliti miri għoljin għal pajjiżi b'popolazzjoni kbira, bħall-Ġermanja (19-il ċittadin), filwaqt li ġew mistiedna żewġ ċittadini mil-Lussemburgu u minn Malta rispettivament. Inġenerali, kien hemm livell tajjeb ta' attendenza li rriflettiet b'mod wiesa' l-miri stabbiliti. Għal 22 mis-27 Stat Membru tal-UE, il-miri tal-parteċi-

pazzjoni ntlew. B'mod ġenerali, mill-150 parteċipant fil-mira, 142 ċittadin ħadu sehem f'mill-inqas waħda mis-sessjonijiet.

Sabiex jiġi żgurat li l-panel kien jirrifletti d-diversità tal-popolazzjoni tal-UE bl-aħjar mod possibbli, il-kwoti fil-mira għall-parteċi-anti ġew iddefiniti skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi ppreżentati fl-Illustrazzjoni 1 (is-sehem reali ta' parteċipanti jirreferi għall-142 ċittadin li attendew għal mill-inqas waħda mis-sessjonijiet). Eċċezzjoni waħda kienet l-għażla li ż-żgħażaġh jiġu rrapreżentati żżejjed billi terz tal-panel jiġi rrekutat fil-kategorija ta' bejn is-16 u l-25 sena anke jekk din il-kategorija tirrappreżenta inqas minn 33 % tal-popolazzjoni tal-UE ⁽³⁾.


Illustrazzjoni 1: Numri fil-mira u parteċipanti reali għal kull sessjoni skont erba' kriterji soċjodemografiċi




⁽²⁾ Il-kwoti tal-pajjiżi ġew iġġenerati permezz tas-sistema ta' proporzjonalità digressiva, li tintuża wkoll biex jiġi kkalkolat l-għadd ta' postijiet għal kull Stat Membru fil-Parlament Ewropew.

⁽³⁾ Dan il-grupp ta' età jirrappreżenta 10.6 % tal-popolazzjoni tal-UE (Eurostat, 2022).

Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont il-post fejn jgħixu



Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont il-livell ta' edukazzjoni tagħhom





2.2. KUMITAT TA' TMEXXIJA

Il-Kumitat ta' Tmexxija fassal, organizza u mexxa l-panel. Dan iltaqa' darba fil-ġimgħa biex jiddeċiedi fuq kwistjonijiet kunċettwali u organizzazzjonali, inklużi kwistjonijiet relatati mal-metodoloġija, mal-loġistika u mal-baġit. Il-kumitat kien magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u kuntratturi. Min-naħa tal-Kummissjoni, tliet Direttorati Ġenerali (DG) ikkontribwew għall-ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija: id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, inkarigat mill-fażi l-ġdida tal-involviment taċ-ċittadini u, b'mod aktar partikolari, responsabbli għall-metodoloġija u l-organizzazzjoni tal-panel; id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, inkarigat mill-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għall-adulti; u d-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura, responsabbli għall-mobbiltà tal-apprendiment, inkluża l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett.

Il-kuntratturi ħadmu flimkien biex ifasslu u jimplementaw din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' panels taċ-ċittadini Ewropej. Ir-reklutaġġ taċ-ċittadini sar minn Kantar Public. VO Europe u MCI kienu responsabbli għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini u għall-assistenza

u għall-aspetti organizzazzjonali kollha tat-tliet sessjonijiet. Barra minn hekk, Tim ta' Deliberazzjoni internazzjonali magħmul minn ifok (il-Ġermanja), Missions Publiques (Franza), il-Bord Daniż tal-Fondazzjoni tat-Teknoloġija (id-Danimarka), u deliberativa (Spanja) laqqa' flimkien esperti biex ifasslu u jiffaċilitaw il-proċess ta' deliberazzjoni. Is-sħab tat-Tim ta' Deliberazzjoni qasmu l-għarfien Prattiku tagħhom biex jiġi kunċettwalizzat il-proċess parteċipattiv ġenerali kif ukoll biex tiġi kunċettwalizzata l-metodoloġija għal kull sessjoni, flimkien mad-DG Komunikazzjoni. It-Tim ta' Deliberazzjoni kien responsabbli għall-abbozzar ta' nota kunċettwali, li tiddekrivi l-mandat tal-panel, flimkien mat-tliet DGs u għall-istabbiliment ta' Kumitat għall-Għarfien konsultattiv. Barra minn hekk, bl-appoġġ tad-DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura, irrekłuta u informa lil kelliema li għenu liċ-ċittadini jifhmu l-kwistjoni fil-kumplessità kollha tagħha u jindirizzaw il-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul it-tliet sessjonijiet. Ikkoordina wkoll il-komunikazzjoni maċ-ċittadini u l-appoġġ għat-tim fuq il-post, mexxa l-moderazzjoni ewlenija u l-faċilitazzjoni tal-ħidma fi gruppi, u ssorvelja r-rapportar dwar ir-riżultati.



2.3. KUMITAT TAL-GĦARFIEN

L-involvement ta' Kumitat għall-Għarfien magħmul minn esperti fil-qasam tal-mobbiltà tal-apprendiment saħħaħ l-integrità tal-proċess deliberattiv billi żgura l-kwalità, l-oġġettività, id-diversità u l-komprensibbiltà tal-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini. Ir-rwol tal-Kumitat tal-Għarfien kien li jipproduċi u jipprovidi tagħrif u għarfien espert biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha u jiffaċilita d-diskusjonijiet bejniethom. Dan sar, fost l-oħrajn, permezz tal-abbozzar ta' kitt ta' Informazzjoni distribwit liċ-ċittadini qabel l-ewwel sessjoni. L-input fattwali tal-politika ġie elaborat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-Kumitat għall-Għarfien għen ukoll lit-Tim ta' Deliberazzjoni biex jidentifika sinjali dgħajfa (eż. nuqqas ta' dibattitu), kwistjonijiet trażversali, u aspetti moħbija fi ħdan id-deliberazzjonijiet taċ-ċittadini (pereżempju, sovrapożizzjonijiet possibbli bejn l-ideat u l-inizjattivi eżistenti tal-UE u/jew oqsma li fihom l-azzjoni proposta ma kinitx neċessarjament sostnuta minn evidenza). Dawn kienu involuti wkoll fil-verifika tal-fatti u wieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul u wara s-sessjonijiet, appoġġati minn Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni li kien jinvolvi wkoll esperti oħrajn mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, huma appoġġaw lit-Tim ta' Deliberazzjoni fl-isforz tiegħu li jgħaqqad l-outputs taċ-ċittadini tal-ewwel sessjoni (dwar l-ostakli għall-mobbiltà inklużiva tal-apprendiment) f'kategoriji ewlenin ta' ostakli, infurmati mill-għarfien u l-esperjenza tagħhom bil-mobbiltà tal-apprendiment.

Il-Kumitat għall-Għarfien kien magħmul minn ħames membri magħżula mill-Kumitat ta' Tmexxija, abbażi tal-kriterji li ġejjin: l-għarfien espert li jkopri varjetà wiesgħa ta' oqsma tal-għarfien; ir-rikonoxximent wiesa' tal-għarfien Prattiku u l-esperjenza tagħhom fil-qasam, kemm fost il-partijiet ikkonċernati kif ukoll bejn il-pari; il-kapaċità li wieħed jifhem, jirrikonoxxi u jikkomunika fehmiert diversi dwar is-suġġett, inklużi compromessi possibbli; u d-diversità f'termini ta' ġeneru, nazzjonalità u affiljazzjoni. Barra minn hekk, żewġ rappreżentanti mid-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura kkontribwew għarfien politiku tal-UE.

Il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien kienu:

- Gina Embner, l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti;
- Mantas Pupinis, Sieħeb u Direttur tar-Riċerka, PMMI, il-Litwanja;
- Juan Rayón González, in-Network tal-Istudenti tal-Erasmus (ESN);
- Mika Saarinen, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Erasmus+, il-Finlandja;
- Beatriz Tourón, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Erasmus, Spanja;
- Fabienne Metayer, Kap tas-settur, Unità ta' Koordinazzjoni tal-Erasmus+, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura (membru b'rotazzjoni);
- Giedrius Sudikas, Uffiċjal tal-Erasmus+, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura (membru b'rotazzjoni).

2.4. ĊENTRU TAL-GĦARFIEN U L-INFORMAZZJONI

Ġie stabbilit Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni (KIC) biex iwiegħeb għall-mistoqsijiet u t-talbiet għal kjarifika mibgħuta miċ-ċittadini matul id-deliberazzjonijiet tagħhom. Il-KIC kien jinkludi esperti mid-DĠ Komunikazzjoni, mid-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u mid-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura, li ntalbu jipprovdu tweġibiet dwar l-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom, flimkien mal-membri tal-Kumitat

għall-Għarfien u esperti oħrajn. Matul it-tliet sessjonijiet tal-panel, il-KIC ipprovda tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet li qajmu ċ-ċittadini. Fit-tielet sessjoni, il-membri tal-KIC għamlu interventi qosra fit-tliet gruppi ta' ħidma biex jiċċaraw il-kwistjonijiet li kien fadal qabel iċ-ċittadini kkonsolidaw ir-rakkomandazzjonijiet finali tagħhom.

2.5. KELLIEMA

Minbarra l-membri tal-Kumitat għall-Għarfien, diversi partijiet ikkonċernati u esperti ġew mistiedna jikkondividu l-għarfien espert u l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-mobbiltà tal-apprendiment u jwieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini. Il-kelliema ppreżentaw is-setturi differenti tal-mobbiltà tal-apprendiment (il-mobbiltà fl-iskejjel, il-mobbiltà taż-żgħażaġh, il-mobbiltà tal-istudenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-mobbiltà tal-adulti). Huma pprovdew informazzjoni dwar il-programmi ta' mobbiltà eżistenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, l-isfidi ffaċċjati minn gruppi

diferenti fl-aċċess għall-mobbiltà tal-apprendiment u miżuri possibbli biex jittejjeb l-aċċess għall-mobbiltà tal-apprendiment, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE. Huma enfasizzaw ukoll il-kompromessi bejn dawn il-miżuri u pprovdew liċ-ċittadini b'feedback dwar il-ħidma tagħhom. Il-Kumitat għall-Għarfien żgura li l-għarfien ippreżentat liċ-ċittadini kien ibbilanċjat, adegwat u rappreżentattiv biżżejjed tal-pożizzjonijiet ewlenin ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-partijiet ikkonċernati fl-UE. Il-kelliema jidhru hawn taħt.



Tabella 2: Lista tal-kelliema matul it-tliet sessjonijiet

SESSJONI 1	
Il-Kummissjoni Ewropea	Mariya Gabriel , il-Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ (sa Mejju 2023)
	Pia Ahrenkilde Hansen , Direttur Ġenerali, DĠ Komunikazzjoni
	Richard Kühnel , Direttur, Rappreżentanza u Komunikazzjoni fl-Istati Membri, DĠ Komunikazzjoni
	Ute Haller-Block , Kap tal-Unità, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Jutta König-Georgiades , l-Unità tad-Djalogu taċ-Ċittadini, DĠ Komunikazzjoni
Esperti esterni	Gina Ebner , Segretarju Ġenerali, Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
	Ismael Páez Civico , Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ
	Juan Rayón González , President, Network tal-Istudanti tal-Erasmus
	Mika Saarinen , Direttur, Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ (EDUFI)
	Beatriz Tourón Torrado , Konsulent għall-Edukazzjoni, Aġenzija Nazzjonali Spanjola għall-Erasmus+ (SEPIE)
SESSJONI 2	
Il-Kummissjoni Ewropea	Sophia Eriksson Waterschoot , Direttur għaż-Żgħażaġħ, l-Edukazzjoni u l-Erasmus+, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Ute Haller-Block , Kap tal-Unità, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
Blokka trażversali	Mantas Pupinis , Direttur tar-Riċerka fil-PPMI u Maniġer tal-Proġetti ta' "Studju dwar l-appoġġ għall-mobbiltà tal-apprendiment: progress, ostakli u t-triq 'il quddiem" li għaddej bħalissa
	Mika Saarinen , Direttur, Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ (EDUFI)
Blokk tematiku 1: Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi individwali u attitudinali	Gregorio Blanco Martin , Kap tad-Dipartiment Inġliż u Koordinatur tal-Erasmus, IES Gabriel Alonso de Herrera
	Irina Ferencz , Direttriċi, Assoċjazzjoni ta' Kooperazzjoni Akkademika
	Wim Gabriels , Direttur u koordinatur tal-Inklużjoni Soċjali u l-Involvement fil-mobbiltà, Network tal-Istudanti tal-Erasmus
	Christoph van Mol , Assistent Professur, l-Università ta' Tillburg
Blokk tematiku 2: Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi kuntestwali u ambjentali	Gina Ebner , Segretarju Ġenerali, Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
	Ewa Krzaklewska , Assistent Professur, l-Università ta' Jagiellonian
	Ruben Sansom , Koordinatur ta' Clean Mobility, Generation Climate Europe
	Brikena Xhomaqi , Direttur, Pjattaforma għall-Apprendiment tul il-Ħajja
Blokk tematiku 3: Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi istituzzjonali u dawk relatati mal-politika	Vito Borelli , Mexxej tat-Tim, DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Audrey Frith , id-Direttriċi tal-Eurodesk Brussels Link
	Søren Kristensen , Konsulent, Techne
	Chiara Rioldino , Kap tal-Unità, DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni

SESSJONI 3	
Il-Kummissjoni Ewropea	Nicolas Schmit , Kummissarju għall-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali
	Sophia Eriksson Waterschoot , Direttur għaż-Żgħażaġħ, l-Edukazzjoni u l-Erasmus+, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Colin Scicluna , Kap tal-Kabinett tal-Viċi President Dubravka Šuica
	Ute Haller-block , Kap tal-Unità, Unità ta' Koordinazzjoni tal-Erasmus+, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Fabienne Metayer , Kap tas-settur, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
Esperti esterni	Marta Gutierrez Benet , Kap tas-Settur, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura
	Kostis Giannidis , eks President, Network tal-istudenti tal-Erasmus
	Juliette Ibarondo Lasa , Federazzjoni Ewropea għall-Apprendiment Interkulturali
	Davide Muraro , Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni tal-Adulti
	Mantas Pupinis , Direttur tar-Riċerka fil-PPMI u Maniġer tal-Proġetti ta' "Studju dwar l-appoġġ għall-mobbiltà tal-apprendiment: Progress, ostakli u t-triq 'il quddiem"
	Mika Saarinen , Direttur, Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għal Erasmus+ (EDUFI)
	Beatriz Tourón Torrado , Konsulent għall-Edukazzjoni, Aġenzija Nazzjonali Spanjola għall-Erasmus+ (SEPIE)

2.6. MODERATORI EWLENIN

Żewġ moderaturi ewlenin iggwidaw liċ-ċittadini matul it-tliet sessjonijiet u mexxew id-diskussjonijiet fil-plenarja. Huma pprovdew informazzjoni dwar l-għan ġenerali tal-panel u l-metodoloġija tas-sessjonijiet individwali, flimkien mal-aspetti organizzazzjonali. Il-moderaturi ewlenin iffaċilitaw ukoll id-dibattiti bejn il-kelliema esperti, żguraw li l-għarfien ġie pprovdut b'mod ġust u imparzjali matul id-diskussjonijiet u

ffaċilitaw il-mistoqsijiet u t-tweġibiet bejn l-esperti u ċ-ċittadini. Barra minn hekk, il-moderaturi ewlenin ġabru r-riżultati kollha fil-plenarji finali ta' kull sessjoni. Il-moderaturi ewlenin kienu:

- Camille Dobler (Missions Publiques),
- Malte Frøslee Ibsen (il-Bord Daniż tal-Fondazzjoni tat-Teknoloġija).



2.7. FAĊILITATORI

Iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma, kull wieħed minnhom iffaċilitat u assistit minn żewġ membri mit-Tim ta' Deliberazzjoni: wieħed faċilitatur bl-esperjenza u ieħor assistent. Ix-xogħol tal-faċilitaturi kien li jmxexxu d-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma u jippermettu fluss tax-xogħol bla xkiel billi:

- jistabbilixxu atmosfera favorevoli u b'rispett reċiproku biex iħeġġu kontribut bilanċjat mill-parteċipanti kollha;
- jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jiġu infurmati dwar il-proċess ġenerali u jiggwidaw liċ-ċittadini fil-ħidma fi gruppi;
- jiżguraw li jkunu ntlaħqu l-oġettivi tas-sessjonijiet tal-grupp ta' ħidma, jiġifieri, il-faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' kunflitti u ta' nuqqas ta' qbil bejn iċ-ċittadini u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' dibattitu u ta' kunsens bejn iċ-ċittadini;
- iżommu l-ħin, jieħdu n-noti u jikkonsolidaw l-outputs ta' deliberazzjoni f'dokumenti ta' ħidma multilingwi u interkonnessi;
- jgħaddu t-talbiet li jagħmlu ċ-ċittadini fil-gruppi ta' ħidma lit-tim ta' sostenn jew l-esperti, pereżempju billi jiġbru kummenti jew mistoqsijiet pendenti;
- jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni mat-Tim ta' Deliberazzjoni.

Il-faċilitaturi kienu impjegati minn ifok, Missions Publiques jew mill-Bord Daniż tal-Fondazzjoni tat-Teknoloġija. Waqt id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma, dawn kienu appoġġati minn assistenti ta' faċilitazzjoni, li kienu jikkonsistu l-aktar minn studenti u trainees ibbażati fi Brussell. Il-faċilitaturi u l-assistenti kollha segwew struzzjonijiet komuni pprovduti fi gwida ta' faċilitazzjoni u f'dokument ta' implimentazzjoni (wieħed għal kull sessjoni). Huma kienu involuti f'żewġ laqgħat dedikati ta' briefing u f'taħriġ qabel kull sessjoni.



2.8. OSSERVATORI

Għadd limitat ta' osservaturi tħallew isegwu l-ħidma tal-panel. L-għan kien li jiġu pprovduti trasparenza u viżibbiltà għal dan il-format demokratiku innovattiv filwaqt li jiġi ppreservat spazju sikur għaċ-ċittadini parteċipanti, li huwa kruċjali għal ambjent ta' dibattitu affidabbli. L-osservaturi setgħu jattendu u jsegwu d-diskussjonijiet fis-sessjonijiet plenarji u fil-gruppi ta' ħidma. L-għadd massimu ta' osservaturi permess għal kull grupp ta' ħidma kien ta' tlieta.

L-osservaturi interni ġew ukoll mis-sħab u mill-istituzzjonijiet organizzattivi (eż. persunal intern mis-Segretarjat Ġenerali, mid-DĠ Komunikazzjoni, mid-DĠ Impjiegi, Affarjiet Soċjali u Inklużjoni u mid-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura). L-osservaturi esterni kienu jinkludu riċerkaturi (minn universitajiet jew minn gruppi ta' riflessjoni), partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, rappreżentanti tal-media u partijiet ikkonċernati oħrajn. Bil-kunsens taċ-ċittadini kkonċernati, l-osservaturi esterni setgħu jagħmlu intervisti għal finijiet ta' riċerka biss, u sakemm ma jfixklux il-proċedimenti tal-panels.









3. Qafas metodoloġiku u sessjonijet individwali



3.1. QAFAS METODOLOĠIKU


Il-panel kien jikkonsisti fi tliet sessjonijiet b'miri differenti.

→ Fl-ewwel sessjoni (fuq il-post fi Brussell), il-parteċipanti ġew introdotti għall-kwistjoni kkonċernata, u setgħu jsiru jafu lil xulxin u jibnu sens ta' komunità u fiduċja bejniethom. Dawn irċeview inputs inizjali mill-esperti u mbagħad ġew mitluba jidentifikaw gruppi fil-mira għall-mobbiltà tal-apprendiment. Wara dan, ġabru u taw prijorità lill-isfidi u lill-ostakli għall-aċċess għall-mobbiltà tal-apprendiment bl-għajjnuna ta' eżerċizzju ta' żvilupp personali, metodu komuni ta' ftehim proġettwali. Fi kliem ieħor, dawn ġew mitluba "joħorġu minnhom infushom" billi joħolqu u jiddeskrivu karattri fittizji diversi li jinkorporaw ċittadini tipiċi jew mhux tipiċi tal-UE, u li jaħsbu dwar il-possibiltajiet u l-ostakli li jistgħu jiffaċċjaw fir-rigward tal-mobbiltà tal-apprendiment.

→ It-tieni sessjoni saret online u ffukat fuq fehim aktar profond tal-kwistjoni. L-għan ewlieni tas-sessjoni kien li tteġġeg l-iskambju ta' ideat u perspettivi fost il-parteċipanti, tidentifika oqsma ta' kunsens u nuqqas ta' qbil, u tiffirmola l-ideat inizjali għal rakkomandazzjonijiet fi tliet blokk tematiki separati.

→ It-tielet u l-aħħar sessjoni (fuq il-post fi Brussell) kienet iddedikata għat-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-ideat u l-għarfien miksuba fl-ewwel żewġ sessjonijiet, u kienet appoġġata minn inputs ulterjuri mill-esperti. It-tielet sessjoni żgurat li l-panel jipproduċi rakkomandazzjonijiet konkreti li jistgħu jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni u jiġu kondiviżi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Illustrazzjoni 2: Fluss metodoloġiku ġenerali tal-Panel taç-ċittadini Ewropej dwar il-mobbiltà tal-apprendiment



Matul il-panel, kien hemm żmien biżżejjed għall-bini tal-gruppi u għall-iskambju bejniethom, kemm waqt is-sessjonijiet plenarji kif ukoll waqt il-ħidma fi gruppi. L-istruttura tas-sessjonijiet tfasslet biex tteġġeg l-interazzjoni fost il-parteċipanti u biex tiżgura li l-ilħna kollha jinstemgħu. Hekk kif il-panel sar f'ambjent multilingwi, iċ-ċittadini dejjem setgħu jitkellmu bil-lingwa

materna tagħhom, iffaċilitati mill-interpretazzjoni. Il-gruppi ta' ħidma kienu magħmula b'mod li ppermetta diversità ġeografika suffiċjenti, b'taħlita ta' pajjiżi akbar u iżgħar u b'massimu ta' ftehim lingwi differenti miġbura flimkien. Il-faċilitaturi kellhom il-possibiltà li jmexxu d-diskussjoni bil-lingwa materna tagħhom jew bl-Ingliż.

3.2. SESSJONI 1: PROĊESS U OUTPUTS

L-ewwel sessjoni saret mit-3 sal-5 ta' Marzu 2023 fi Brussell u din introduċiet is-suġġett u l-kuntest tal-panel. Iċ-ċittadini bdew jsiru jafu lil xulxin u tgħallmu dwar ir-regoli għal diskussjonijiet kostruttivi. Imbagħad żviluppaw fehim tal-gruppi fil-mira għal mobiltà tal-apprendiment miżjuda fl-Ewropa u l-isfidi li qegħdin isefħu fil-mod kif jintlaħaq dan l-għan. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-kelliema esterni għenu liċ-ċittadini jiksbu fehim aħjar tal-programmi eżistenti

u xi wħud mill-isfidi biex l-opportunitajiet ta' mobiltà tal-apprendiment isiru realtà għal kulħadd. L-għan tal-ewwel sessjoni kien li jiġu kondiviżi u mmappjati l-esperjenzi personali bil-mobbiltà tal-apprendiment, li jiġu definiti l-gruppi fil-mira u li jiġu identifikati l-os-takli għall-attivitajiet tal-mobbiltà tal-apprendiment, li ċ-ċittadini jqisuhom bħala rilevanti għal diskussjonijiet ulterjuri fis-sessjonijiet li jmiss.

Jum 1 (il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu)

Fl-ewwel jum, iċ-ċittadini ngħataw merħba mill-moderaturi ewlenin u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea: **Mariya Gabriel** (dik li kienet il-Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ), u **Pia Ahrenkilde Hansen** (id-Direttur Ġenerali, DG Komunikazzjoni). Huma enfasizzaw l-importanza tal-panel u ppreżentaw il-viżjonijiet tal-UE għas-settur tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Il-moderaturi ewlenin sussegwentement spjegaw liċ-ċittadini l-aġenda ta' Sessjoni 1 u tas-sessjonijiet li jmiss. Wara xi loġhob ta' ice-breaker, **Jutta König-Georgiades** (DG Komunikazzjoni) introduċiet fil-qosor il-korpi tal-UE u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv. Imbagħad, **Ute Haller-**

Block (DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura) introduċiet fid-dettall is-suġġett tal-panel. Il-mobbiltà tal-apprendiment ġiet esplorata ulterjorment mill-perspettiva tal-esperjenzi taċ-ċittadini stess bl-apprendiment u t-taħriġ f'pajjiżhom u barra mill-pajjiż, flimkien mal-"opportunitajiet mitlufa" tal-mobbiltà tal-apprendiment. Il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien ikkumentaw u espandew dwar l-esperjenzi individwali, filwaqt li taw inputs aktar ġenerali dwar it-tipi differenti ta' mobiltà tal-apprendiment: il-mobbiltà fl-iskejjel, il-mobbiltà taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali barra mill-pajjiż, il-mobbiltà tal-adulti u l-mobbiltà tal-istudenti.



Mariya Gabriel tilqa' liċ-ċittadini.

Jum 2 (is-Sibt, 4 ta' Marzu)

Fit-tieni jum, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma parallel, li għalihom saret interpretazzjoni simultanja u ġew iffaċilitati minn faċilitaturi bl-esperjenza. Il-gruppi pproduċew il-kontenut tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li kienu interkonnessi mal-gruppi l-oħrajn. Iċ-ċittadini l-ewwel qasmu l-esperjenzi tal-imgħoddi u dawk kurrenti tal-mobbiltà tal-apprendiment u rrifletew fuq id-definizzjoni u t-tipi differenti ta' mobbiltà tal-apprendiment. Imbagħad iċ-ċittadini ddiskutew il-gruppi fil-mira għall-mobbiltà tal-apprendiment u żviluppaw profili, b'enfasi fuq il-karattri li jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn mobbiltà tal-apprendiment akbar. Kull grupp żviluppa bejn żewġ u sitt profili li jirrappreżentaw dawn il-gruppi fil-mira.

Il-profilu ntużaw biex jiddefinixxu l-isfidi u l-ostakli għall-gruppi fil-mira ewlenin. Il-gruppi tkellmu wkoll dwar ix-xejriet futuri u l-iżviluppi tas-soċjetà li jista' jkollhom impatt fuq il-mobbiltà tal-apprendiment. Barra minn hekk, bdew jiddiskutu soluzzjonijiet u faċilitaturi vijabbli. Matul il-ġurnata, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lill-esperti fiċ-Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni. Wara li iċ-ċittadini temmew xogħolhom is-Sibt, il-membri tal-Kumitat għall-Għarfien u esperti oħrajn fuq il-post, flimkien mal-membri tat-Tim ta' Deliberazzjoni, ġabru flimkien total ta' 54 profil żviluppati fil-gruppi ta' ħidma, u dan irriżulta fil-ħolqien ta' 12-il raggruppament separati ta' profili.



Jum 3 (il-Ħadd, 5 ta' Marzu)

Fit-tielet jum, kull grupp ta' parteċipanti rċieva raggruppament wieħed ta' persuni (kien hemm żewġ sa seba' profili għal kull raggruppament). Kull persona kellu stampa ta' profil iġġenerata mill-programm tal-intelliġenza artifiċjali (IA) DALL-E, li kienet ibbażata fuq id-deskrizzjonijiet demografiċi li għamlu l-gruppi. L-aktar pass reċenti fil-gruppi ta' ħidma kien li jinġabru fil-qosor u jiġu identifikati l-isfidi u l-ostakli trażversali għall-grupp rispettiv ta' profili taħt osservazzjoni. Iċ-ċittadini ħejjew ruħhom ukoll għal Sessjoni 2 u ġab-

ru l-mistoqsijiet u l-ħtiġijiet ta' input għas-sessjoni li jmiss. Fis-sessjoni plenarja tal-għeluq, il-kelliema mit-12-il grupp ta' ħidma ppreżentaw l-ostakli ewlenin għall-mobbiltà tal-apprendiment, u dawn ġew raggruppati fuq bord mill-kelliem u mill-moderaturi ewlenin. Wara l-preżentazzjonijiet, l-esperti taw ir-reazzjonijiet u r-rimarki għall-ħidma tal-panel. Rimarki finali u tislma ngħataw minn **Richard Kühnel** (id-Direttur tar-Rappreżentanza u tal-Komunikazzjoni fl-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea).



L-aġenda formali tal-ewwel sessjoni hija murija hawn taħt.

Il-Ġimgħa (3.3)	PLENARJA
14:30–15:00	Diskors ta' merġba u diskorsi introduttorji minn: — Mariya Gabriel , Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġġ, DG Edukazzjoni, Żgħażaġġ, Sport u Kultura — Pia Ahrenkilde Hansen , Direttur Ġenerali, DG Komunikazzjoni
15:00–15:40	Introduzzjoni għall-panel taç-ċittadini: għaliex ninsabu hawnhekk?
15:40–15:55	Ritratt tal-grupp
15:55–16:15	Introduzzjoni għas-suġġett I tal-panel (riflessjoni fuq l-esperjenzi tiegħek stess)
16:15–16:45	Waqfa għall-kafè
16:45–18:30	Introduzzjoni għas-suġġett II tal-panel (skambju ta' esperjenzi u diskussjoni tal-panel)
Is-Sibt (4.3)	GRUPPI TA' ĦIDMA
9:30–11:00	Insiru nafu lil xulxin: il-valuri u l-esperjenzi tal-mobbiltà tal-apprendiment
11:00–11:30	Waqfa għall-kafè
11:30–13:00	Il-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd: l-identifikazzjoni tal-gruppi fil-mira
13:00–14:30	Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar
14:30–16:15	Identifikazzjoni tal-isfidi u l-ostakli kurrenti
16:15–16:45	Waqfa għall-kafè
16:45–18:00	Esplorazzjoni ta' xejriet futuri
Il-Ħadd (5.3)	GRUPPI TA' ĦIDMA U PLENARJA
9:30–11:00	Gruppi ta' ħidma: tnejn għall-plenarja u għbir ta' mistoqsijiet
11:00–12:00	Waqfa għall-kafè u trasferiment tal-gruppi fil-kmamar tal-laqqgħat
12:00–13:20	Plenarja: Preżentazzjonijiet mill-gruppi, reazzjonijiet u diskussjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet
13:20–13:40	Rendikont u informazzjoni dwar is-sessjonijiet li jmiss

3.3. SESSJONI 2: PROĊESS U OUTPUTS

It-tieni sessjoni tal-panel saret online bejn l-24 u s-26 ta' Marzu 2023. L-għan kien li ċ-ċittadini jsibu soluzzjonijiet biex jingħelbu l-isfidi u l-ostakli identifikati f'Sessjoni 1 u biex jiġu abbozzati rakkomandazzjonijiet biex il-mobbiltà tal-apprendiment issir aktar inklużiva. Sabiex tiġi strutturata l-ħidma tas-sessjoni, is-36 sfida u ostaklu għall-mobbiltà tal-apprendiment miġbura fl-ewwel sessjoni ġew raggruppati fi tliet "blokk tematiki" mill-Kumitat għall-Għarfien.

→ **Blokk tematiku 1.** Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi **individwali u attitudinali** (ostakli personali, psikoloġiċi u tat-teħid ta' deċiżjonijiet).

→ **Blokk tematiku 2.** Negħlbu l-isfidi l-ostakli, u d-dilemmi **kuntestwali u ambjentali** (ostakli kulturali, soċjali u lingwistiċi).

→ **Blokk tematiku 3.** Negħlbu l-isfidi, l-ostakli u d-dilemmi **istituzzjonali u relatati mal-politika** (aċċess għall-informazzjoni, ostakli ekonomiċi u finanzjarji).

L-uffiċjali tal-Kummissjoni u l-kelliema esterni varjati taw liċ-ċittadini inputs dwar dawn l-ostakli u ppreżentaw soluzzjonijiet possibbli biex jindirizzawhom, b'attenzjoni speċjali għad-dilemmi u għall-kompromessi eżistenti bejniethom. Wara proċess iterattiv ta' "rieżami bejn il-pari" li fih iċ-ċittadini fit-12-il grupp ta' ħidma rrieżaminaw il-ħidma ta' xulxin, huma ppreżentaw 45 abbozz ta' rakkomandazzjonijiet.

Jum 1 (il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu)

F'jum 1, iċ-ċittadini ntlaqgħu għas-sessjoni online mill-moderaturi ewlenin u minn **Sophia Eriksson Waterschoot** (DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura). Minn hemm 'il quddiem, **Ute Haller-Block** (DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura) irriflettiet fuq l-outputs ta' Sessjoni 1 u speċifikat l-aspettattivi tal-Kummissjoni tal-panel. **Mantas Pupinis** (PPMI) imbagħad ġie mistieden jispjega kif il-Kumitat għall-Għarfien ġabar ir-riżultati taċ-ċittadini minn Sessjoni 1 fi tliet blokk tematiki. Huwa ta' ħarsa ġenerali inizzjali lejn id-dilemma u l-kompromessi li huma l-bażi ta' dawn l-isfidi, kif identifikati mill-Kumitat għall-Għarfien. Biex jikkomplementa dan l-ewwel ċiklu ta' input, **Mika Saarinen** (EDUFI) ipprova liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar il-programm Erasmus+ u dwar programmi eżistenti oħrajn ta' mobiltà tal-apprendiment biex tiġi kontestwalizzata l-ħidma tal-panel. Fi tliet sessjonijiet tal-panel li saru aktar tard, l-erba' kelliema elaboraw fuq kull wieħed mill-blokk tem-

atiċi billi pprovdew perspettivi differenti, u taw ħarsa ġenerali lejn is-soluzzjonijiet possibbli, id-dilemmi, u l-mistoqsijiet fil-blokk tematiku rispettiv tagħhom. Fi tmiem kull diskussjoni tal-panel, iċ-ċittadini kellhom l-opportunità li jistaqsu l-mistoqsijiet. Finalment, il-moderaturi ewlenin iddeskrivew l-aġenda ta' tmiem-il-ġimgħa u fakkru l-iskop ġenerali tal-panel.



Jum 2 (is-Sibt, 25 ta' Marzu)

F'jum 2, iċ-ċittadini ħadmu b'mod parallel fi 12-il grupp ta' ħidma li ġew interpretati simultanjament u ffaċilitati minn faċilitaturi bl-esperjenza. Dawk li jieħdu n-noti ddokumentaw il-proċess fi spreadsheets multilingwi, u dan jagħmilha possibbli għall-parteċipanti li jsewgu l-kontenut prodott fil-grupp tagħhom fil-lingwi nattivi tagħhom. Il-gruppi kollha bdew il-ġurnata billi analizzaw l-ewwel blokk tematiku, biex jegħlbu l-ostakli psikoloġiċi u attitudinali. Huma qablu dwar elementi trażversali li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jabbozza rakkomandazzjonijiet immirati biex

jegħlbu l-isfidi kuntestwali (Blokk tematiku 2) u dawk istituzzjonali u relatati mal-politika (Blokk tematiku 3). Wara, kull grupp ta' ħidma pproduċa sa żewġ abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet għal kull wieħed miż-żewġ blokk tematiki. Waranofsinar, kull grupp baġhat ambaxxatur wieħed lil grupp ta' ħidma ieħor biex jippreżenta l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet tiegħu u jirċievi l-feedback tiegħu. Matul il-ġurnata, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lill-esperti fiċ-Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni. It-tweġibiet ġew ipprovduti s-Sibt waranofsinar jew il-Ħadd filgħodu.

Jum 3 (il-Ħadd, 26 ta' Marzu)

Il-Ħadd filgħodu, iċ-ċittadini fil-gruppi ta' ħidma integrat il-feedback li rċiew mill-gruppi l-oħrajn u, fejn applikabbli, it-tweġibiet tal-esperti. Dan irriżulta f'45 abbozz ta' rakkomandazzjoni fit-12-il grupp ta' ħidma. Għall-plenarja finali ta' wara, kull grupp għażel kelliem wieħed. Kull kelliem imbagħad ippreżenta tnejn mir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp tiegħu lill-panel kollu. Wara dawn il-preżentazzjonijiet, iċ-ċittadini rċew feedback dwar l-ideat tagħhom minn **Mika**

Saarinen (EDUFI) u minn **Ute Haller-Block** (DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġġ, Sport u Kultura). Min-naħa tagħhom, iċ-ċittadini setgħu jistaqsu mistoqsijiet lil dawn iż-żewġ kelliema u jikkondividu l-feedback tagħhom stess dwar is-sessjoni kurrenti, appoġġati wkoll minn tliet mistoqsijiet dwar Slido. Fl-aħħar, iċ-ċittadini rċew ħarsa ġenerali lejn l-aħħar sessjoni u l-passi li jmiss.

L-aġenda sħiħa għas-sessjoni hija murija hawn taħt.

Il-Ġimgħa (24.3)	PLENARJA
14:30–14:50	Merħba, preżentazzjoni tal-outputs minn Sessjoni 1 u l-aġenda għal Sessjoni 2
14:50–15:35	Nimxu mill-ostakli għal soluzzjonijiet għall-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd Kelliema mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kumitat għall-Għarfien
15:35–15:55	Waqfa
15:55–16:40	Blokk tematiku 1: Negħlbu l-ostakli personali u psikoloġiċi Intervisti ma' esperti u mistoqsijiet u tweġibiet
16:40–17:20	Blokk tematiku 2: Negħlbu l-ostakli kulturali, soċjali u lingwistiċi Intervisti ma' esperti u mistoqsijiet u tweġibiet
17:20–17:40	Waqfa
17:40–18:20	Blokk tematiku 3: Negħlbu l-ostakli relatati mal-informazzjoni, l-ekonomija u l-finanzi Intervisti ma' esperti u mistoqsijiet u tweġibiet
18:20–18:30	Il-passi li jmiss u l-kummenti tal-għeluq
Is-Sibt (25.3)	GRUPPI TA' ĦIDMA
9:30–9:45	Bini ta' grupp/icebreaker
9:45–11:00	Slott 1: Ħidma fi gruppi dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blok tematiku 1)
11:00–11:30	Waqfa
11:30–13:00	Slott 2: Ħidma fi gruppi dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blok tematiċi 2 u 3)
13:00–14:30	Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar
14:30–16:00	Slott 3: Ħidma fi gruppi dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet (Blok tematiċi 2 u 3)
16:00–16:30	Waqfa
16:30–18:00	Slott 4: Feedback bejn il-gruppi
Il-Ħadd (26.3)	GRUPP TA' ĦIDMA
9:30–11:15	Slott 5: Konsolidazzjoni tal-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet
11:15–11:30	Waqfa
	Plenarja
11:30–12:40	Preżentazzjonijiet mill-gruppi u feedback
12:40–12:55	Waqfa
12:55–13:20	Reazzjonijiet minn esperti dwar il-ħidma li saret fis-Sessjoni 2, interazzjoni u mistoqsijiet u tweġibiet
13:20–13:30	Konklużjoni u rimarki tal-għeluq

3.4. SESSJONI 3: PROĊESS U OUTPUTS

Qabel it-tielet sessjoni, il-45 abbozz ta' rakkomandazzjoni taċ-ċittadini ġew raggruppati madwar suġġetti simili (eż. l-apprendiment tal-lingwi, l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, l-inkoraġġiment tal-kumpaniji u tal-impjegati) u attribwiti għat-12-il grupp ta' ħidma. Fl-istess ħin, ingħata feedback bil-miktub mill-esperti u mill-persuni li jużaw ir-riżorsi

fuq kull rakkomandazzjoni. Matul it-tielet u l-aħħar sessjoni, iċ-ċittadini integraw il-feedback mill-esperti u minn gruppi ta' ħidma oħrajn, amalgamaw ideat simili u ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet. Sabiex jikkonkludu s-sessjoni, iċ-ċittadini esprimew il-grad ta' qbil tagħhom ma' kull rakkomandazzjoni fi proċedura ta' valutazzjoni finali fil-plenarja.



Jum 1 (il-Ġimgħa, 28 ta' April)

Fl-ewwel jum ta' din is-sessjoni finali, iċ-ċittadini kollha ġew milqugħa lura lejn il-panel mill-moderaturi ewlenin, **Nicolas Schmit** (Kummissarju għall-Impjegi u d-Drittijiet Soċjali) u **Sophia Eriksson Waterschoot** (DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura). Wara d-diskorsi ta' merħba, **Mantas Pupinis** (PPMI) ipprova da għarfien dwar il-ħidma tal-Kumitat għall-Għarfien bejn it-tieni u t-tielet sessjonijiet. Matul il-waqfa li rriżultat, iċ-ċittadini ġew mistiedna jipprijoritizzaw is-setturi tal-mobbiltà tal-apprendiment u s-suġġetti ta' politika diskussi mill-panel. Huma għamlu dan permezz ta' eżerċizzju ta' "grafts diretti", li fih huma ddistribwew "unitajiet baġitarji" bejn 13-il kategorija li jindikaw iż-żoni ta' mobbiltà tal-apprendiment li

għandhom jirċievu aktar finanzjament. Wara l-waqfa, iċ-ċittadini kienu maqsuma f'żewġ subplenarji. F'kull subplenarja, il-gruppi ta' ħidma rċew feedback minn erba' esperti dwar l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li ġew attribwiti lilhom. Fil-kontribut tagħhom, l-esperti enfasizzaw toroq għat-titjib tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini u wieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini. Fl-aħħar tal-ġurnata, iċ-ċittadini nġabru fil-plenarja għal darb'oħra biex jiġbru fil-qosor il-punti ewlenin li rriżultaw fis-subplenarji u jiddiskutu r-riżultati tal-eżerċizzju tal-grafts diretti, bħala bażi għall-ħidma fi-gruppi s-Sibt. L-eżerċizzju indika b'mod ċar l-importanza primordjali tal-promozzjoni tal-lingwa u tal-mobbiltà tal-adulti għaċ-ċittadini.

Jum 2 (is-Sibt, 29 ta' April)

F'jum 2, iċ-ċittadini ġew maqsuma fl-istess gruppi ta' ħidma b'hal fiż-żewġ sessjonijiet preċedenti. B'hal qabel, id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma ġew iffaċilitati minn moderaturi bl-esperjenza u ffaċilitati minn interpretazzjoni simultanja. Matul il-jum, kull grupp ta' ħidma ħadem fuq diversi abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fformulati fit-tieni sessjoni u attribwiti lilu. Huma ntalbu jgħaqqdu rakkomandazzjonijiet simili u jintegraw feedback tal-esperti biex jelaoraw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti. Biex jappoġġaw dan il-proċess, kull grupp irċieva ż-żjara ta' ċittadini oħrajn biex jikseb għarfien dwar ir-rakkomandazzjonijiet abbozzati minn gruppi oħrajn. Barra minn hekk, matul waranofsinar, l-esperti żaru l-gruppi ta' ħidma li qiesu li huwa meħtieġ, biex iwieġbu mistoqsijiet jew isolvu dubji li jfixklu l-finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Lejn l-aħħar tal-ġurnata, il-faċilitaturi kellhom rwol kruċjali fl-iżgurar li r-rakkomandazzjonijiet jiġu ffinalizzati u appoġġati minn kunsens wiesa' fil-grupp tagħhom.



Jum 3 (il-Ħadd, 30 ta' April)



Fis-sessjoni plenarja finali, il-**21 rakkomandazzjoni** kollha **finalizzati s-Sibt** ġew ippreżentati mir-rappreżentanti tal-grupp ta' ħidma u sussegwentement it-tieħed vot fuqhom miċ-ċittadini kollha tal-panel. Il-proċedura tal-votazzjoni ġiet segmentata fi tliet fażijiet, b'kull waħda ssegwi l-istess mudell. L-ewwel, erba' kelliema tal-grupp qraw ir-rakkomandazzjonijiet

tagħhom b'leħen għoli, iġġustifikaw ir-rilevanza tagħhom u wiegħbu mistoqsijiet oħrajn taċ-ċittadini. Imbagħad, iċ-ċittadini kollha ntalbu jesprimu l-appoġġ tagħhom għal kull rakkomandazzjoni fuq skala ta' 1 ("Nopponi bis-saħħa") sa 6 ("Nappoġġa ħafna") fuq vot fuq karta. L-astensjoni kienet ukoll għażla. Din il-proċedura ġiet ripetuta darbtejn sakemm ir-rakko-



mandazzjonijiet kollha ġew ippreżentati u ttieħed vot fuqhom. Ladarba ngħaddu l-voti kollha u r-riżultati ġew żvelati mill-moderaturi ewlenin, **Pia Ahrenkilde-Hansen** (Direttur Ġenerali, DG Komunikazzjoni), **Colin Scicluna** (Kap tal-Kabinett tal-Viċi President Dubravka Šuica) u **Ute Haller-Block** (Kap tal-Unità, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura) ingħataw il-possibbiltà li jispjegaw kif il-Kummissjoni se timpenja ruħha mar-rakkomandazzjonijiet taç-ċittadini. Fl-aħħar, iċ-ċittadini ġew mistiedna jikkondividu l-feedback tagħhom dwar il-proċess kollu.

L-aġenda sħiħa tas-sessjoni hija murija hawn taħt.



Il-Ġimgħa (28.4)		PLENARJA
14:00–14:15	Diskors ta’ merħba u preżentazzjoni tas-sessjoni	
14:15–14:35	Riflessjonijiet minn Nicolas Schmit , Kummissarju għall-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali, u Sophia Eriksson Waterschoot (Direttur, DG Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura)	
14:35–15:15	Introduzzjoni: Minn Sessjoni 2 għal Sessjoni 3	
15:15–15:45	Waqfa għall-kafè, eżerċizzji ta’ “prijoritizzazzjoni” u bidla tal-kmamar	
15:45–17:50	Subplenarji: Mistoqsijiet u twegġibiet ma’ esperti dwar abbozzi ta’ rakkomandazzjonijiet (separati f’żewġ “blokok ta’ ħidma”)	
17:50–18:00	Bidla tal-kmamar	
18:00–18:30	Messaġġi ewlenin mis-subplenarji	
Is-Sibt (29.4)		GRUPPI TA’ ĦIDMA
9:30–11:15	Sessjoni 1: Deliberazzjoni, abbozzar u rieżami tar-rakkomandazzjoni 1	
11:15–11:45	Waqfa għall-kafè	
11:45–13:00	Sessjoni 2: Deliberazzjoni, abbozzar u rieżami tar-rakkomandazzjoni 2	
13:00–14:30	Waqfa għall-ikla ta’ nofsinhar	
14:30–16:00	Sessjoni 3: Inputs tal-esperti u l-integrazzjoni tal-feedback	
16:00–16:30	Waqfa għall-kafè	
16:30–18:00	Sessjoni 4: Konsolidazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet	
Il-Ħadd (30.4)		PLENARJA
09:30–09:40	Merħba lura	
09:40–10:15	Preżentazzjoni u valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet I (gruppi 1–4)	
10:15–10:50	Preżentazzjoni u valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet II (gruppi 5–8)	
10:50–11:25	Preżentazzjoni u valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet III (gruppi 9–12)	
11:25–12:00	Waqfa għall-kafè	
12:00–12:15	Stħarriġ ta’ feedback	
12:15–12:30	Preżentazzjoni tar-riżultati	
12:30–13:10	Mument i ċeremonjali u diskorsi uffiċjali	
13:10–13:30	Tislima u ritratt tal-familja	

Il-panel ifformula 21 rakkomandazzjoni finali u vvalutahom bi skala ta' klassifikazzjoni (minn 1 sa 6), li wasslet għal medja aritmetika ("livell ta' appoġġ") u "rata ta' approvazzjoni", jiġifieri s-sehem tal-voti bejn 4 ("Nappoġġa kemxejn") u 6 ("Nappoġġa ħafna"), għal kull rakkomandazzjoni. F'Tabella 3, ir-rakkomandazzjonijiet (bit-titoli biss) huma mpoġġija f'ordni skont il-livell ta' appoġġ tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet sħaħ inkluż it-titolu, il-korp tat-test ewlieni, il-ġustifikazzjoni u dettalji ulterjuri jistgħu jinstabu fl-Anness.



Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn ir-rakkomandazzjonijiet finali u r-riżultati tal-valutazzjoni

Nru	Titolu tar-rakkomandazzjoni	Livelli ta' appoġġ	Rata ta' approvazzjoni	Voti
16	Informazzjoni dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Ewropa	5.11	95 %	132
12	Mentors għal merħba aħjar fil-pajjiż tad-destinazzjoni	4.99	93 %	132
17	Kampanji ta' informazzjoni mmirati dwar il-mobbiltà tal-apprendiment	4.99	92 %	132
21	Promozzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni mmirata għall-Erasmus+	4.98	89 %	132
1	Lingwa veicolari (lingua franca) bħala għodda għall-mobbiltà tal-apprendiment	4.97	86 %	133
8	Reklamar u promozzjoni tal-programmi tal-lingwi	4.92	92 %	131
11	Ambaxxaturi għal Ewropa aktar mobbli	4.92	88 %	131
9	Użu u adattament taċ-ċentri u s-servizzi ta' informazzjoni tal-Erasmus+	4.89	94 %	133
15	Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp professjonali tal-impjegati	4.87	89 %	131
3	Espansjoni tal-programmi eżistenti ta' mobbiltà tal-apprendiment għal persuni ta' kull età u saffi soċjoekonomiċi	4.84	88 %	129
14	Rikonoxximent tar-rwol tal-edukaturi fil-mobbiltà tal-apprendiment	4.79	84 %	130
2	Għajxien multilingwi fl-Ewropa	4.78	90 %	133
4	Promozzjoni ta' integrazzjoni aktar profonda tas-settur tat-taħriġ vokazzjonali madwar l-UE	4.76	89 %	132
6	Programm tal-UE għall-promozzjoni ta' mudelli ibridi ta' mobbiltà tal-apprendiment għall-impjegati	4.75	84 %	134
20	Valutazzjoni tal-ostakli amministrattivi li jiffaċċjaw l-impjegati u l-impjegaturi u kif jingħelbu	4.75	87 %	133
10	Żgurar ta' appoġġ finanzjarju mfassal apposta għall-persuni kollha li jkunu qegħdin jesperjenzaw il-mobbiltà tal-apprendiment	4.69	82 %	131
19	Eliminazzjoni tal-preġudizzji billi tiġi mħeġġa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-kollokamenti tal-Erasmus+	4.56	83 %	132
13	Għal mobbiltà tal-apprendiment aktar ekoloġika	4.46	76 %	131
18	Miżuri u attivitajiet għall-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni fil-mobbiltà tal-apprendiment	4.42	75 %	130
7	Titjib tal-apprendiment tal-lingwi permezz ta' teknoloġiji ġodda	4.37	74 %	133
5	Iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għall-familji	3.87	60 %	134



Iċ-ċittadini kkondividew l-opinjoni tagħhom fir-rigward tal-esperjenza tagħhom fil-panel fi sħarriġ dwar il-feedback. Mill-perspettiva tal-parteċipanti, il-panel irrappreżenta suċċess. Il-proċess ta' reklutaġġ wasal għal kampjun divers ta' persuni minn madwar l-Ewropa u minn kull tip ta' sfond tas-soċjetà. Skont l-istħarriġ dwar il-feedback, 5 % biss taċ-ċittadini kienu diġà ħadu sehem fi proċess ta' parteċipazzjoni. Barra minn hekk, 77 % kienu tal-fehma li l-panel kien jirrappreżenta "totalment" (23.5 %) jew "xi ftit"

(54 %) is-soċjetà kollha, għalkemm xi nies ikkummentaw li xi gruppi żvantaġġati kienu neqsin. Meta ntalbu jiġġudikaw l-esperjenza ġenerali tagħhom, 93 % tal-parteċipanti kienu jew "kompletament sodisfatti" (52 %) jew "pjuttost sodisfatti" (41.5 %) bil-panel. B'maġġoranzi daqstant kbar, iċ-ċittadini rrapportaw li l-għarfien tagħhom dwar il-mobbiltà tal-apprendiment kien żdied (92 %), li l-opinjoni tagħhom dwar il-mobbiltà tal-apprendiment inbidlet (70 %) u li l-fehma tagħhom dwar l-UE saret aktar pożittiva (60 %).

"Jekk jogħġbok, agħmel l-aħjar użu minn dawn il-panels li huma interessanti ħafna u li joħolqu konnessjonijiet interkulturali!"

Gesuele, 34, l-Italja



European
Commission

4. Il-passi li jmiss

Matul it-tliet sessjonijiet tal-panel, iċ-ċittadini wrew livell għoli ta' impenn u involviment biex jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet dwar kif l-opportunitajiet ta' mobiltà tal-apprendiment isiru aċċessibbli għal kulħadd. Huma għamlu għexieren ta' mistoqsijiet sabiex jifhmu aħjar kif jaħdmu l-iskemi eżistenti ta' mobiltà tal-apprendiment, b'mod partikolari l-programm Erasmus+, u x'inhuma l-ostakli u l-faċilitaturi ewlenin għall-mobiltà tal-apprendiment – li ġew indirizzati mill-esperti. Bejn is-sessjonijiet, bosta ċittadini komplew jinvestigaw is-suġġett tal-mobiltà tal-apprendiment, inkluż billi kkuntattjaw il-komunitajiet lokali tagħhom, l-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi oħrajn.

Il-21 rakkomandazzjoni mressqa mill-panel – kif elenkati fl-anness – jieħdu approċċ komprensiv dwar il-promozzjoni tal-mobiltà tal-apprendiment mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Ħames rakkomandazzjonijiet jenfasizzaw l-importanza ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati kollha jagħtu sehemhom biex jiżguraw li kulħadd ikun jista' jgawdi l-benefiċċji ta' Ewropa mingħajr fruntieri, irrispettivament mill-età, mil-livell ta' edukazzjoni, mill-isfond u mill-mezzi finanzjarji tagħhom. Il-miżuri ta' inklużjoni dedikati huma perċepiti bħala faċilitatur ewleni għal parteċipazzjoni aktar mifruxa u varjata fil-programmi ta' mobiltà tal-apprendiment.

Matul id-deliberazzjonijiet, iċ-ċittadini saħqu fuq in-nuqqas ta' għarfien, b'mod partikolari fost l-istudenti

adulti u l-istudenti żvantaġġati, dwar l-opportunitajiet eżistenti ta' mobiltà tal-apprendiment disponibbli għalihom. Għalhekk, l-importanza li tintlaħaq u li tiġi pprovduta informazzjoni mmirata fil-livell li huwa l-eqreb għall-istudenti ta' kull età, inklużi l-istudenti żvantaġġati, ġiet enfasizzata f'ħames rakkomandazzjonijiet. Erba' rakkomandazzjonijiet jagħtu wkoll importanza sinifikanti lit-titjib tal-apprendiment tal-lingwi, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħala fattur abilitanti ewleni għall-mobiltà tal-apprendiment.

Tliet rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw il-mobiltà tal-apprendiment tal-impjegati, u l-erba' rakkomandazzjonijiet l-oħra jindirizzaw ir-rikonoxximent tar-rwol tal-edukaturi fl-organizzazzjoni tal-mobiltà tal-apprendiment, l-integrazzjoni aktar profonda tas-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali madwar l-UE, il-mobiltà tal-apprendiment aktar ekoloġiku u distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tad-destinazzjonijiet tal-mobiltà tal-apprendiment.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-panel. Il-proposta għandha l-għan li tespandi l-ambitu tal-opportunitajiet ta' mobiltà tal-apprendiment għall-istudenti, għall-edukaturi u għall-persunal ta' kull età fl-edukazzjoni skolastika, fl-iskambji taż-żgħażaġh, fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni għall-adulti u





tappoġġa t-tranżizzjoni taġĥhom għas-suq tax-xogħol u l-mobbiltà tax-xogħol. Il-proposta tpoġġi wkoll enfasi qawwija fuq il-mobbiltà inklużiva. Għalhekk, il-proposta hija allinjata tajjeb mar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari dwar l-espansjoni tal-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal persuni ta' kull età u sfond soċjoekonomiku, il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju mfassal apposta. Filwaqt li l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal dawn il-gruppi u l-miżuri ta' inklużjoni dedikati għal persuni b'inqas opportunitajiet diġà huma disponibbli fl-ambitu tal-programm Erasmus+, il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li toffri saħansitra aktar opportunitajiet għall-istudenti kollha f'firxa wiesgħa ta' skemi ta' mobbiltà għall-apprendiment transfruntier.

L-importanza tat-tishif tal-apprendiment tal-lingwi fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex ikun hemm opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment hija enfasizzata wkoll fil-proposta tal-Kummissjoni. B'dan il-mod, hija indirizzata r-rakkomandazzjoni tal-panel dwar l-għajxien multilingwi fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tenfasizza l-għoti ta' informazzjoni mmirata u f'waqtha rakkomandata miċ-ċittadini, inkluż billi tteġġeg lill-Istati Membri jistabbilixxu promoturi tal-mobbiltà tal-apprendiment. Għalhekk, il-proposta taġĥha hija allinjata tajjeb mar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini dwar iċ-ċentri u s-servizzi ta' informazzjoni, dwar l-ambaxxaturi għal Ewropa aktar mobbli u dwar il-mentors biex jilqgħu lin-nies fil-pajjiż ta' destinazzjoni.

F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-panel taċ-ċittadini li jirrikonoxxi r-rwol tal-edukaturi fil-mobbiltà tal-apprendiment, il-Kummissjoni beħsiebha tippromwovi r-rikonoxximent u tippremja l-ħidma tal-persunal li jfhejji u jimplimenta proġetti ta' mobbiltà tal-apprendiment. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan ukoll li taġĥmel il-mobbiltà tal-apprendiment aktar sostenibbli għall-ambjent, inkluż billi tteġġeg lill-Istati Membri jagħmlu l-ivvjaġġar b'mezzi tat-trasport aktar sostenibbli minn u lejn id-destinazzjonijiet tal-mobbiltà tal-apprendiment u matul il-perjodi ta' mobbiltà bħala parti integrali mill-esperjenza tal-mobbiltà tal-apprendiment.

Parti mir-rakkomandazzjonijiet tal-panel huma wkoll tal-inqas parzjalment diġà indirizzati mill-Erasmus+ 2021-2027 u minn programmi oħrajn tal-UE. Pereżempju, fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għall-familji, xi Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ jipprovdu żieda għal għotja ta' appoġġ individwali għall-istudenti bit-tfal. L-appoġġ lingwistiku online huwa miftuħ għall-parteċipanti kollha fl-attivitajiet ta' mobbiltà fil-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. "Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb" (ALMA), iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, ipprovda esperjenza sorveljata relatata max-xogħol fi Stat Membru ieħor tal-UE għal zġhażagħ żvantaġġati ta' bejn it-18 u d-29 sena.

Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li fit-30 ta' Novembru torganizza avveniment ta' feedback biex tinforma lill-parteċipanti tal-panel dwar is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet taġĥhom fis-Summit dwar l-Edukazzjoni ta' livell għoli.

A smiling woman with blonde hair, wearing a black top with white polka dots, is looking down at a white rectangular box. She is in a classroom or lecture hall, with other students blurred in the background. The image has an orange tint. A blue and red geometric shape is overlaid on the bottom left, containing the text.

Anness: Ir-rakkomandazzjonijiet kollha

Rakkomandazzjoni 1

Lingwa veicolari (lingua franca) bħala għodda għall-mobbiltà tal-apprendiment


L-Ingliż huwa stabbilit bħala lingwa veicolari fi ħdan l-UE. L-Ingliż huwa mezz ta' komunikazzjoni faċli u komuni. Għalhekk, l-UE għandha tirrakkomanda li l-Istati Membri jgħallmu l-Ingliż bħala l-ewwel lingwa barranija. L-UE għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-istabbiliment, fis-sussidjar u fil-finanzjament ta' programmi għal dawk li jixtiequ jitgħallmu l-Ingliż. Dawn il-programmi għandhom jiġu appoġġati kemm fl-iskejjel kif ukoll barra mill-iskola. Korsijiet bl-Ingliż bi prezz baxx għandhom jiġu offruti barra mill-iskola għal persuni ta' kull età. Il-programm jeħtieġ li jiġi rreklammat tajjeb u jimmotivata lin-nies biex jitgħallmu l-Ingliż.

Ġustifikazzjoni

Lingwa veicolari komuni tiffaċilita l-iskambji bejn in-nazzjonijiet u l-kulturi. Dan ma jmurx kontra Ewropa multilingwi. L-Ingliż huwa faċli biex wieħed jitgħallmu u diġà huwa mitkellem b'mod wiesa', speċjalment miż-żgħażaġh.

Rakkomandazzjoni 1

LINGWA VEIKOLARI (LINGUA FRANCA)
BĦALA GĦODDA GĦALL-MOBBLITÀ TAL-APPRENDIMENT



Rakkomandazzjoni 2

Għajxien multilingwi fl-Ewropa


Karatteristika kbira tal-UE hija l-bosta lingwi tagħha. L-apprendiment tal-lingwi jiftaħ il-moħħ. Għalhekk, aħna nirrakkomandaw li jiġu appoġġati proġetti multinazzjonali u multilingwi. Mhux biss fl-iskejjel iżda wkoll barra minnhom. Dan jista' jiġi implimentat billi jiġu appoġġati l-iskambji, speċjalment tal-għalliema u tal-interns. In-nies għandhom jiġu mħeġġa jkomplu fuq il-mobbiltà tal-apprendiment. Dawn il-proġetti għandhom jimmiraw lejn il-parteċipanti tal-iskambju, speċifikament l-għalliema u l-interns li jagħmlu użu mill-mobbiltà tal-apprendiment. Mod wieħed kif in-nies jiġu mmotivati jitgħallmu aktar lingwi huwa billi jiġi pprovdut finanzjament mill-UE. L-informazzjoni dwar proġetti eżistenti u possibbli jeħtieġ li tiġi rreklamata u kkomunikata aħjar.

Ġustifikazzjoni

L-għalliema għandhom ikunu jistgħu jwessgħu l-orizzonti tagħhom permezz ta' esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment, u jikkondividu dawn l-esperjenzi ladarba jirritornaw fl-iskejjel tagħhom stess. Il-parteċipazzjoni fil-mobbiltà tal-apprendiment toflok bażi b'saħħitha għall-edukazzjoni tal-lingwi. L-għarfien ta' bosta lingwi jagħmilha aktar faċli li persuna tkun taf pajjiżi u kulturi differenti. Dan jagħmilha aktar probabbli li l-parteċipanti jesperjenzaw id-diversità tal-Ewropa. Programmi bi prezz baxx u aċċessibbli faċilment jistgħu jgħinu biex jappoġġaw u jimmotivaw lin-nies tal-gruppi kollha ta' età jitgħallmu aktar lingwi.

Rakkomandazzjoni 2

GĦAJXIEN MULTILINGWI FL-EWROPA



Rata ta' approvazzjoni: 9

Rakkomandazzjoni 3

Espansjoni tal-programmi eżistenti ta' mobbiltà tal-apprendiment għal persuni ta' kull età u saffi soċjoekonomiċi

Aħna nrrakkomandaw li l-UE tipprova qafas għall-iskemi ta' mobbiltà tal-apprendiment li jinkludi lil persuni ta' kull età. Dan jista' jiġi dirett lejn persuni jew gruppi li huma interessati fil-mobbiltà tal-apprendiment iżda mhux parti minn istituzzjoni formali. Dan jinkludi, pereżempju, persuni qiegħda jew li qed ifittxu impjieg, jew persuni minn sfondi soċjoekonomiċi aktar baxxi. Madankollu, il-qafas ma għandux ikun limitat għal dawn il-gruppi.


Il-programmi eżistenti, pereżempju l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew DiscoverEU, għandhom jiġu estiżi għal persuni ta' kull età u għandhom jiġu promossi permezz ta' pjattaforma. Idealment, in-nies li jkunu se jesperjenzaw il-mobbiltà tal-apprendiment għandhom jiksbu l-opportunità li joqogħdu f'akkomodazzjoni privata. Dan iżomm il-kostijiet baxxi u jikseb konnessjoni u fehim aktar mill-qrib tal-kulturi u l-lingwi barranin. Iċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom ikunu jistgħu japplikaw għal dan il-programm. Għandhom ikunu jistgħu japplikaw fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jiddikjaraw b'mod ċar l-oġettivi tal-apprendiment tagħhom.

Ġustifikazzjoni

B'dan il-mod, l-identità Ewropea u n-normi u l-valuri komuni jissaħħu fil-livelli kollha tas-soċjetà. B'mod speċjali persuni li rċevew fit appoġġ għall-familja jew soċjali minħabba l-isfond tagħhom jistgħu jesperjenzaw prossimità interkulturali u fehim interkulturali aħjar permezz ta' programm estiż.

Rakkomandazzjoni 3

**ESPANSJONI TAL-PROGRAMMI EŻISTENTI
TA' MOBBILTÀ TAL-APPRENDIMENT
GĦAL PERSUNI TA' KULL ETÀ U SAFFI
SOĊJOEKONOMIĊI**



Rakkomandazzjoni 4

Promozzjoni ta' integrazzjoni aktar profonda tas-settur tat-taħriġ vokazzjonali madwar l-UE

Aħna nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tippovdi sistema ta' inċentivi aħjar għall-atturi fis-settur tat-taħriġ vokazzjonali biex tippromwovi l-għarfien u l-aċċess għall-opportunitajiet eżistenti. Dawn l-atturi jinkludu skejjel vokazzjonali, trainees, assoċjazzjonijiet tas-snaġġa, u korpi settorjali bħall-kmamar nazzjonali tal-kummerċ u l-industrija.


Sabiex tiġi stabbilita sistema ta' inċentivi aħjar, iċ-Ċentri eżistenti ta' Eċċellenza Vokazzjonali għandhom ikunu aktar viżibbli u jippromwovu l-mobbiltà tal-apprendiment b'mod usa'. L-atturi msemmija hawn fuq għandhom joħolqu network integrat aktar fil-fond biex jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċess u tittejjeb il-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Nixtiequ ntejjbu l-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali Ewropew, b'mod partikolari f'oqsma prijoritarji ewlenin bħat-trasformazzjoni ekoloġika, is-sigurtà tal-IT, l-utilitajiet, u l-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' network fiss u aktar prattiku, in-negozji ż-żgħar ikollhom ukoll aċċess aħjar għall-mobbiltà tal-apprendiment. Barra minn hekk, dan jirrispetta l-kwalità tat-taħriġ vokazzjonali. L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni żżid ukoll il-livell ġenerali ta' settijiet ta' ħiliet fl-UE u toħloq forma ta' kisba ta' mħuħ fl-Istati Membri.

Rakkomandazzjoni 4

PROMOZZJONI TA' INTEGRAZZJONI AKTAR PROFONDA TAS-SETTUR TAT- TAħRIĠ VOKAZZJONALI MADWAR L-UE



Rata ta' approvazzjoni: 8

Rakkomandazzjoni 5

Iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għall-familji

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tistabbilixxi programm pilota għall-mobbiltà tal-apprendiment bejn il-ġenerazzjonijiet li jippermetti lil diversi membri tal-familja jesperjenzaw il-mobbiltà flimkien, u b'hekk jiġu indirizzati l-kostellazzjonijiet tal-familja.


Aħna nirrakkomandaw li jitnieda proġett pilota ġdid, possibbilment fil-qafas ta' programm eżistenti, li fih jitqiesu l-persuni bit-tfal. Il-proġett pilota għandu jiġi evalwat skont il-kosteffettività tiegħu biex jiġi deċiż jekk għandux jiġi estiż.

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura tteġġeg id-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet madwar l-UE bħala parti mill-programmi ta' mobbiltà tagħha. Barra minn hekk, dan jiffaċilita l-aċċess għall-mobbiltà għal persuni bi tfal żgħar. Din is-soluzzjoni għandha l-potenzjal li tinvolvi lit-tfal tal-iskola u lill-ġenituri fil-mobbiltà: It-tfal jistgħu jmorru l-iskola u l-ġenituri jistgħu jipparteċipaw fl-edukazzjoni tal-adulti.

Rakkomandazzjoni 5

IFFAĊILITAR TAL-MOBBILTÀ TAL-APPRENDIMENT GĦALL-FAMILJI



Rakkomandazzjoni 6

Programm tal-UE għall-promozzjoni ta' mudelli ibridi ta' mobiltà tal-apprendiment għall-impjegati

Aħna nirrakkomandaw l-iżvilupp ta' programm tal-UE għall-promozzjoni ta' mudelli ibridi ta' mobiltà tal-apprendiment għall-impjegati.

Permezz tal-programm, l-impjegati jistgħu jieħdu korsijiet f'oqsma differenti ta' studju. Il-korsijiet tal-programm għandhom jitlestew fi żmien massimu ta' 6 xhur. Il-korsijiet jistgħu jkunu speċifikament relatati mal-lingwa, iżda wkoll fuq suġġetti relatati mal-professjonijiet tal-impjegati. Permezz ta' tali korsijiet, l-impjegati jistgħu jiksibu livell ogħla ta' profiċjenza fil-professjoni magħżula tagħhom, inklużi esperjenzi prattiċi. L-impjegati jistgħu jlestu parti mit-taħriġ online, u l-parti l-oħra barra mill-pajjiż. Biex jagħmlu dan, imorru f'istituzzjonijiet edukattivi barra mill-pajjiż, pereżempju, universitajiet, kulleġġi komunitarji jew ċentri ta' taħriġ vokazzjonali (skont l-istituzzjonijiet eżistenti fil-pajjiżi). L-impjegatur huwa obbligat jirrilaxxa lill-impjegat għall-perjodu tal-esperjenza barra mill-pajjiż, u għal xi żmien matul il-kors online. Barra minn hekk, l-impjegat tal-impjegat irid jiġi żgurat mar-ritorn tiegħu. Madankollu, l-impjegatur ma għandux għalfejn jibqa' jħallas is-salarju tal-impjegat matul dan iż-żmien. Minflok, fond tal-UE jrid ikopri l-kost tal-għajxien barra mill-pajjiż. Is-saħħa u s-sigurtà soċjali għandhom jiġu koperti wkoll.

Ġustifikazzjoni

Meta l-impjegati jiksibu esperjenza barra mill-pajjiż, dan ikun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha: l-impjegat jista' jikber b'mod personali u professjonali. L-impjegatur jikseb impjegat bi kwalifiki ogħla mar-ritorn tiegħu. Barra minn hekk, il-kumpaniji jibbenefikaw mill-esperjenzi tal-impjegati tagħhom barra minn pajjiżhom meta jgħaddu l-għarfien tagħhom lill-kolleġi, pereżempju, fil-forma ta' taħriġ.


Huwa kruċjali li jiġu offruti mudelli ibridi. In-nies fil-ħajja professjonali jew bit-tfal spiss jistgħu jmorru barra minn pajjiżhom għal żmien limitat. Dawn jeħtieġu l-flessibbiltà ta' mudelli ibridi. Barra minn hekk, l-impjegaturi jeħtieġ li jirrilaxxaw lill-impjegati tagħhom għal perjodu iqsar jekk ikunu jistgħu jagħmlu parti mill-esperjenza ta' apprendiment online.

Għall-finijiet ta' dan il-programm speċifiku, ma nirrakkomandawx l-iskambji diretti tal-impjegati bejn il-kumpaniji tal-UE minħabba r-riskju tat-teħid tal-aħjar kandidati minn kumpaniji u ta' eżodu ta' mħuħ. Aħna nixtiequ li b'mod espliċitu nipromwovu l-mobiltà tal-apprendiment permezz ta' fornituri edukattivi u mhux il-mobiltà tal-forza tax-xogħol. Madankollu, l-iskambji bejn il-kumpaniji jistgħu jkunu siewja f'xi industrij u jistgħu jiġu ffaċilitati permezz ta' programmi oħrajn ta' mobiltà tal-apprendiment.

Rakkomandazzjoni 6

PROGRAMM TAL-UE GĦALL-PROMOZZJONI TA' MUDELLI IBRIDI TA' MOBBILTÀ TAL-APPRENDIMENT GĦALL-IMPJEGATI

Saħħa tal-appoġġ
4.8



Rata ta' approvazzjoni: 8

Rakkomandazzjoni 7

Titjib tal-apprendiment tal-lingwi permezz ta' teknoloġiji ġodda

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinvesti fl-użu ta' għodod teknoloġiċi (IA) fil-qafas tal-mobbiltà tal-apprendiment biex tikkomplementa l-apprendiment tal-lingwi. L-UE għandha tinvesti fit-teknoloġiji diġitali biex tapoġġa l-mobbiltà tal-apprendiment flimkien mal-apprendiment wiċċ imb wiċċ. Din ir-rakkomandazzjoni tapplika għat-tnejn għall-mobbiltà tal-apprendiment u għall-perjodu ta' mobbiltà nnifsu.

L-għodod teknoloġiċi għandhom ikunu mingħajr ħlas. Għandhom jintużaw teknoloġiji ġodda speċjalment fl-istadji bikrija tal-apprendiment tal-lingwi. It-teknoloġiji l-ġodda għandhom jintużaw b'mod li jilħqu liċ-ċittadini kollha li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment (eż. studenti, pensjonanti,...).


Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomplementa l-pjattaforma eżistenti tal-Akkademja tal-UE bl-aħħar żviluppi tal-IA permezz ta' applikazzjoni. L-użi speċifiċi tal-IA jistgħu jinkludu l-apprendiment, it-tiżni tal-vokabularju, l-interpretazzjoni sinkronizzata, u l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni bejn l-utenti fuq l-applikazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiegħu vantaġġ mill-aħħar teknoloġiji biex ittejjeb l-apprendiment tal-lingwi fil-mobbiltà tal-apprendiment. Is-sistemi tal-IA jistgħu janalizzaw is-suċċess tal-apprendiment u jżviluppaw programmi ta' apprendiment personalizzati bbażati fuq il-ħtiġijiet u l-ħiliet aktar malajr.

Rakkomandazzjoni 7

TITJIB TAL-APPRENDIMENT TAL-LINGWI PERMEZZ TA' TEKNOLOĠIJI ĠODDA



Rata ta' approvazzjoni: 7

Rakkomandazzjoni 8

Reklamar u promozzjoni tal-programmi tal-lingwi

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tirreklama b'mod aktar intensiv il-programmi tal-lingwi eżistenti tagħha stess u tippromwovi programmi tal-lingwi eżistenti fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Il-grupp fil-mira huwa dawk il-persuni kollha li jixtiequ jwettqu skemi ta' mobbiltà tal-apprendiment, u li jagħmlu użu mill-programmi tal-lingwi eżistenti fil-pajjiżi ta' oriġini u ospitanti tagħhom f'livell nazzjonali u reġjonali.

I. Qabel is-soġġorn:

L-UE għandha tirreklama l-programmi tal-lingwi tagħhom permezz ta' offerti bil-posta elettronika, kummerċjalizzazzjoni mmirata fil-media soċjali, u relazzjonijiet pubbliċi.

Għandu jiġi żviluppat programm ta' mentoraġġ. Il-mentor assenjat għandu jipprovdi appoġġ dwar kif jittejbu l-ħiliet lingwistiċi qabel is-soġġorni tal-mobbiltà tal-apprendiment.

Għandu jiġi żviluppat ukoll programm tal-ambaxxatur ma' persuni li diġà kienu involuti fil-mobbiltà tal-apprendiment. L-ambaxxaturi se jinfurmaw u se jippromwovu l-mobbiltà tal-apprendiment fl-iskejjel, fl-universitajiet u fin-negozji, u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom tal-apprendiment tal-lingwi.

II. Matul is-soġġorn:


Il-mentor se jipprovdi appoġġ lokali meta jasal fid-destinazzjoni. Il-programm ta' mentoraġġ se jinkludi komponenti kulturali u lingwistiċi biex jgħinu lill-persuna fil-mobbiltà tal-apprendiment.

Ġustifikazzjoni

Skont l-istatistika (Flashbarometru, 2020), l-apprendiment tal-lingwi huwa wieħed mill-ostakli ewlenin li jimpendixx lin-nies milli jipparteċipaw fi skemi ta' mobbiltà għal finijiet ta' apprendiment.

Rakkomandazzjoni 8

REKLAMAR U PROMOZZJONI TAL-PROGRAMMI TAL-LINGWI



Rata ta' approvazzjoni: 9

Rakkomandazzjoni 9

Użu u adattament taċ-ċentri u s-servizzi ta' informazzjoni tal-Erasmus+

Aħna nikkunsidraw l-aċċessibbiltà u l-armonizzazzjoni tal-informazzjoni dwar l-Erasmus+ bħala element ewlieni. Permezz ta' żieda u adattament proporzjonali tal-baġit tal-programm Erasmus+ u Erasmus għall-mobbiltà tal-adulti, nipproponu li jintużaw infrastrutturi eżistenti speċifiċi għall-Istati Membri biex jiġu stabbiliti uffiċċji tal-Erasmus+. Aħna nirreferu għall-infrastrutturi nazzjonali u lokali, speċifiċi għall-popolazzjoni fil-mira: il-popolazzjoni mhux attiva, il-popolazzjoni attiva, iż-żgħażaġġ. Għandna fokus speċifiku fuq l-immirar tal-adulti fejn jipparteċipaw fi programmi ta' apprendiment (ċentru tal-impjeggi, uffiċċju postali, klabbs sportivi, programmi soċjali, assoċjazzjonijiet lokali, ċentri għal persuni b'mobbiltà mnaqqa għall-adulti, eċċ.). Sabiex dawn l-uffiċċji jiġu kkoordinati, struttura ta' referenza nazzjonali taħt l-umbrella tal-korp Ewropew tkun punt ta' referenza għat-tixrid ta' informazzjoni dwar is-servizzi offruti lill-uffiċċji lokali. Biex nipromwovu dawn l-uffiċċji lokali, nirrakkomandaw l-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni Ewropea strutturata fil-livell tal-uffiċċji lokali, li tindika l-eżistenza ta' dawn l-uffiċċji u s-servizzi pprovduti, filwaqt li jitqiesu l-mezzi ta' komunikazzjoni kollha.


Ġustifikazzjoni

Minħabba t-taħlita Ewropea ta' programmi (Eurodesk, Europe Direct, eċċ.), il-kwistjoni tal-aċċessibbiltà u l-armonizzazzjoni tal-informazzjoni dwar Erasmus+ tidher li hija kruċjali. Firxa wiesgħa ta' servizzi tista' tiġi offruta minn dawn l-uffiċċji lokali (f'koordinazzjoni mal-qafas nazzjonali):

- Il-konnessjoni ma' network ta' persuni disponibbli fil-pajjiż ospitanti biex tiġi pprovduta rabta mill-mument tal-wasla (appoġġ għal-lingwa, informazzjoni amministrattiva, pariri dwar it-trasport, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, appoġġ psikoloġiku, eċċ.) u matul is-soġġorn, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.
- Enfasi speċjali fuq l-akkomodazzjoni: bażi tad-data lokali kondiviżi li tipprovdi informazzjoni dwar akkomodazzjoni disponibbli, affordabbli u rakkomandata, b'enfasi importanti fuq l-aċċessibbiltà ta' dawn l-għażliet ta' akkomodazzjoni għal kulħadd, inkluż għal persuni b'diżabbiltà.
- Appoġġ finanzjarju speċifiku relatat mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna li tiċċaqtaq: kura tas-saħħa (assistenza psikoloġika u fiżika), għajjnuna fil-kura tat-tfal, u trasport.
- Sistema ta' appoġġ tal-lingwa qabel u matul l-iskambju
- Il-ħolqien ta' pjattaforma ta' appoġġ u informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-akkomodazzjoni u tat-trasport għal persuni bi bżonnijiet speċjali biex jiggwidawhom u jagħtuhom pariri matul is-soġġorn tagħhom.

Rakkomandazzjoni 9

UŻU U ADATTAMENT TAĊ-ĊENTRI U S-SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI TAL-ERASMUS+



Rata ta' approvazzjoni: 9

Rakkomandazzjoni 10

Żgurar ta' appoġġ finanzjarju mfassal apposta għall-persuni kollha li jkunu qegħdin jesperjenzaw il-mobbiltà tal-apprendiment

Afna nirrakkomandaw żieda fil-baġit globali biex tkun tista' ssir distribuzzjoni aktar inklużiva u akbar tar-riżorsi lill-parteċipanti fil-mobbiltà tal-apprendiment (inklużi studenti, trainees, impjegati, u ħaddiema, iżda wkoll kumpaniji u negozji iżgħar). Kollha għandhom jiġu offruti l-opportunità li jirċievu appoġġ finanzjarju, u l-ammont għandu jiddependi fuq fatturi soċjoekonomiċi: il-kost tal-għajxien fil-pajjiżi ospitanti, il-kapaċitajiet finanzjarji tal-parteċipanti, u l-ħtiġijiet speċjali għal diżabilità fiżika u mard. Dan għandu jitwettaq bl-iżvilupp ta' kriterji għall-aġġudikazzjoni Ewropej komuni li se jiffukaw fuq sfondi individwali u l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tal-individwi li japplikaw għall-mobbiltà tal-apprendiment (mingħajr ma jitqiesu gradi). Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju se jiġi ttrasferit lill-parteċipanti individwali matul il-proċess kollu. B'dan il-baġit miżjud, nixtiequ wkoll inħeġġu l-iskambji tal-impjegati bejn il-kumpaniji, abbażi tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-impjegati, u skont id-daqs tal-kumpaniji. Il-persunal li jivvaluta n-nies li jkunu se jesperjenzaw il-mobbiltà tal-apprendiment għandu jiġi ppremjat finanzjarjament għax-xogħol tiegħu.


Ġustifikazzjoni

Dan se jagħmel is-sistema tal-mobbiltà tal-edukazzjoni aktar ugwali, inklużiva, u aċċessibbli għar-residenti kollha tal-Unjoni Ewropea u mill-oqsma kollha tal-ħajja, li jixtiequ jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment, u li jikissru l-ostakli finanzjarji ewlenin għall-parteċipazzjoni.

Rakkomandazzjoni 10

ŻGURAR TA' APPOĠĠ FINANZJARJU MFASSAL APPOSTA GĦALL-PERSUNI KOLLHA LI JKUNU QEGĦDIN JESPERJENZAW IL-MOBILTÀ TAL-APPRENDIMENT

Saħħa tal-appoġġ
4.7



Rata ta' approvazzjoni: 82%

Rakkomandazzjoni 11

Ambaxxaturi għal Ewropa aktar mobbli

Aħna nirrakkomandaw il-ħolqien ta' programm ta' ambaxxaturi f'kull pajjiż tal-UE. L-ambaxxaturi se jkunu responsabbli għall-pubblikazzjoni u għall-promozzjoni tal-programmi eżistenti ta' mobbiltà tal-apprendiment. L-ambaxxaturi se jippromwovu l-mobbiltà barra mill-pajjiż għat-tipi kollha ta' gruppi fil-mira (tfal, studenti, min jitgħallem, ħaddiema, anzjani), u fit-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet (skejjel, universitajiet, kumpaniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.). Dan se jkun xogħol full-time, u se jitħallas mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus. Il-baġit ta' dawn l-aġenziji se jiġi riallokati biex jagħti prijorità lill-ħidma tal-ambaxxaturi. Dan il-baġit se jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-pajjiż (l-għadd ta' abitanti, l-għadd ta' persuni li diġà huma benefiċjarji ta' programmi ta' mobbiltà, eċċ.).

L-ambaxxatur diġà se jkollu esperjenza bil-mobbiltà x'jikkondividi. Dan għandu jkun persuna b'moħħ miftuħ b'ħiliet ta' komunikazzjoni tajbin. L-ambaxxaturi għandhom jirriflettu d-diversità tal-profilu ta' persuni li jistgħu jmorru barra mill-pajjiż, sabiex kull grupp ikun jista' jidentifika magħhom.


Huwa possibbli li persuna tkun ambaxxatur għal żmien twil. Madankollu, huwa mħeġġeġ li b'mod regolari jiġu rekrutati persuni ġodda li dan l-aħħar esperjenzaw mobbiltà tal-apprendiment. Se tiġi implimentata komunikazzjoni tajba dwar il-programm tal-ambaxxaturi (networks soċjali, kampanji ta' pubbliċità, eċċ.).

Ġustifikazzjoni

F'bosta pajjiżi Ewropej, in-nies saħansitra lanqas huma konxji mill-opportunitajiet eżistenti għall-mobbiltà tal-apprendiment. In-nies spiss ma jħossuhomx komdi. Jibzġhu mill-esperjenzi barra mill-pajjiż. Huwa importanti li tinħoloq il-kurżità, u li titneħħa l-biża' li persuna tmur barra minn pajjiżha. Erasmus+ huwa mmirat ħafna lejn gruppi speċifiċi bħall-istudenti. L-istudenti għandhom fehim tajjeb ta' kif jaħdem Erasmus+, iżda gruppi oħrajn (studenti tal-edukazzjoni mhux għolja) huma xi ftit esklużi mill-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment. Hemm ħafna informazzjoni disponibbli, iżda ma hijiex qed tilħaq lin-nies. L-ambaxxaturi jistgħu jgħinu biex jgħaqqdu lin-nies ma' dak li diġà jeżisti. Li tista' titkellem ma' xi ħadd direttament, biex iserraħlek rasek, u biex iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek huwa aktar effiċjenti milli taqra dokument.

Rakkomandazzjoni 11

AMBAXXATURI GĦAL EWROPA AKTAR MOBBLI



Rata ta' approvazzjoni: 88%

Rakkomandazzjoni 12

Mentors għal merħba aħjar fil-pajjiż tad-destinazzjoni


Aħna nirrakkomandaw li n-nies jintlaqgħu fil-pajjiż tad-destinazzjoni dwar l-iskemi ta' mobbiltà, u l-integrazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata minn network ta' tutors. Tutor huwa persuna mill-pajjiż tad-destinazzjoni, li għandu għarfien tal-kultura nazzjonali, u huwa lest li jgħin lill-persuna ġdida matul is-soġġorn tagħha. It-tutor se jkun inkarigat mill-appoġġ ta' qabel it-tluq tal-persuna (informazzjoni dwar l-akkomodazzjoni, it-trasport, il-proċeduri amministrattivi, eċċ.). It-tutor se jgħin lill-persuna l-ġdida matul is-soġġorn tagħha, speċjalment bi proċeduri lokali. It-tutor se jappoġġa wkoll lill-persuna biex tiżviluppa l-ħajja soċjali tagħha fil-pajjiż. Dawn it-tutors se jaħdmu fuq bażi volontarja, iżda se jiġu rimborżati għal xi wħud mill-ispejjeż tagħhom. Diġà jeżistu networks li jappoġġaw l-integrazzjoni (ESN, Erasmus Mundus, Europeers, eċċ.), iżda biss għall-istudenti. Aħna nipproponu li nsaħħuhom, li nużawhom flimkien, u li nestenduhom għal gruppi oħrajn (tfal, ħaddiema, anzjani, studenti...). Il-ħolqien ta' pjattaforma jista' jagħmilha aktar faċli għat-tutors u għall-persuni ġodda biex jagħmlu kuntatt.

Ġustifikazzjoni

In-nies jistgħu jħossuhom iżolati matul l-iskambju tal-mobbiltà tagħhom. It-tutors jistgħu jgħinuhom iħossuhom aktar sikuri u komdi. L-għoti ta' informazzjoni qabel ma wieħed imur barra mill-pajjiż ikun utli ħafna, u jista' jnaqqas il-biża' ta' li wieħed joħroġ minn pajjiżu. In-nies ikollhom l-informazzjoni kollha dwar il-pajjiż tad-destinazzjoni, u jkunu jafu li xi ħadd qed jistennihom meta jaslu. Dan jista' jserraħ ras in-nies li jmorru barra mill-pajjiż kif ukoll tal-qraba tagħhom, speċjalment tal-ġenituri tagħhom. It-tutors ikunu partikolarment importanti għan-nies li jesperjenzaw il-mobbiltà tal-apprendiment f'istituzzjonijiet mhux akkademiċi jew f'żoni rurali.

Rakkomandazzjoni 12

MENTORS GĦAL MERĦBA AĦJAR FIL-PAJJIŻI TAD-DESTINAZZJONI



Rata ta' approvazzjoni: 93

Rakkomandazzjoni 13

Għal mobbiltà tal-apprendiment aktar ekoloġika!

Aħna nirrakkomandaw li l-inċentivi għal aċċess orħos għat-trasport ekoloġiku (filwaqt li wieħed imur jgħix f'pajjiż ospitanti) jiġu offruti lill-parteċipanti kollha tal-mobbiltà tal-apprendiment. Dawn l-għażliet jagħtu wkoll lill-parteċipanti l-possibbiltà li jkollhom stil ta' ħajja ekoloġiku u orħos fil-pajjiżi tad-destinazzjoni, jużaw għażliet ta' vjaġġar ekoloġiċi biex jaħdmu, u joqogħdu f'lukandi ekoloġiċi, eċċ. Dawn l-għażliet li jirrispettaw l-ambjent għandhom jiġu kkomunikati kif xieraq mill-Kummissjoni Ewropea qabel ma l-parteċipanti jitolqu għall-pajjiż tad-destinazzjoni.

Ġustifikazzjoni


Minħabba li hemm il-ħtieġa li parteċipanti fil-mobbiltà tal-apprendiment jiġu mħeġġa, permezz tal-użu ta' inċentivi ekonomiċi, li jużaw modi ekoloġiċi ta' trasport meta jmorru f'pajjiż ieħor, iżda wkoll ladarba jkunu f'dan il-pajjiż il-ġdid.

Rakkomandazzjoni 13

GĦAL MOBBLITÀ TAL-APPRENDIMENT AKTAR EKOLOĠIKA!



Valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni 13



Rata ta' approvazzjoni: 7

Rakkomandazzjoni 14

Rikonoxximent tar-rwol tal-edukaturi fil-mobbiltà tal-apprendiment!


Aħna nirrakkomandaw li l-edukaturi li jappoġġaw lill-istudenti bi programmi ta' mobbiltà tal-apprendiment għandhom jiġu rikonoxxuti uffiċjalment bħala "koordinaturi internazzjonali". Dawn għandhom jiġu kkompensati għall-ammont ta' xogħol żejjed u għall-ħin li jkollhom. Dawn għandhom ikunu faċilment rikonoxxibbli fl-istituzzjoni edukattiva tagħhom, jirċievu taħriġ, u ċertifikazzjoni. Dan għandu jfhegġiġhom jagħtu pariri u jgħinu lill-istudenti fil-programmi ta' mobbiltà tal-apprendiment, anke bi proċeduri amministrattivi, filwaqt li jwasslu valuri Ewropej u l-viżjoni Ewropea. Dawn il-"koordinaturi internazzjonali" għandhom jitqiesu affidabbli. Għandhom jorganizzaw attivitajiet li jipromwovu l-mobbiltà tal-apprendiment matul is-sena.

Ġustifikazzjoni

L-edukaturi għandhom jiġu vvalutati u rikonoxxuti għall-ħidma addizzjonali tagħhom u jipprovdu informazzjoni u gwida aħjar u aktar aċċessibbli dwar l-opportunitajiet disponibbli.

Rakkomandazzjoni 14

RIKONOXXIMENT TAR-RWOL TAL-EDUKATURI FIL-MOBILTÀ TAL-APPRENDIMENT



Rata ta' approvazzjoni: 8

Rakkomandazzjoni 15

Appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp professjonali tal-impjegati

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tipprovdi inċentivi finanzjarji għal:

- L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jixtiequ jibagħtu lill-impjegati tagħhom barra mill-pajjiż biex jipparteċipaw f'kursijiet ta' taħriġ, u biex iġibu lura magħhom l-għarfien għall-kollegi tagħhom u għal sħabhom.
- Il-ħaddiema (kemm dawk qiegħda kif ukoll dawk f'sitwazzjonijiet ta' impjieg mhux sigur) li jmorru fuq mobbiltà tat-taħriġ f'kumpanija ospitanti biex jaġġornaw il-ħiliet tagħhom u javvanzaw il-karrieri tagħhom. Il-kumpanija ospitanti tirċievi wkoll logo Ewropew uffiċjali għas-sit web tagħha


L-appoġġ finanzjarju jkopri l-kostijiet fissi tal-ħaddiema (eż. akkomodazzjoni, trasport, eċċ.). L-UE, il-kumpaniji, il-ħaddiem jew iċ-ċentru tal-impjieg jistgħu jikkofinanzjaw l-iskambju tal-apprendiment, sabiex il-ħaddiem jew il-kumpanija jeħduha bis-serjetà. Il-livell ta' kofinanzjament jiddependi fuq it-tip ta' mobbiltà tal-apprendiment u l-benefiċjarji. Dawn l-iskambji ta' apprendiment iseħħu wkoll bejn is-settur privat (eż. NGOs, kumpaniji, organizzazzjonijiet) u s-settur pubbliku (eż. Istituzzjonijiet, UE, eċċ.), kif ukoll bejn tipi oħrajn ta' oqsma ta' ħidma. It-trade unions u l-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' dawn il-programmi.

Ġustifikazzjoni

B'dan il-mod, kwalunkwe kumpanija, irrispettivament mill-possibiltajiet ekonomiċi tagħha, jista' jkollha l-ħaddiema tagħha jipparteċipaw fi programmi ta' skambju biex itejbu l-ħiliet tagħhom. Barra minn hekk, kwalunkwe kumpanija li tixtieq tospita ħaddiem tista' tagħmel dan mingħajr ma jkollha tħallas għas-soġġorn jew għas-salarju tal-ħaddiem.

Rakkomandazzjoni 15

APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-IŻVILUPP PROFESSIONALI TAL-IMPJEGATI



Rakkomandazzjoni 16

Informazzjoni dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Ewropa


Aħna nirrakkomandaw li l-UE toħloq u timmaniġġa pjattaforma ta' informazzjoni ddedikata għall-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għall-ħaddiema fit-tipi ta' setturi kollha (privati, pubbliċi, eċċ.). L-għan tal-pjattaforma huwa li tgħaqqad il-kumpaniji u l-ħaddiema, u għandha tkun aċċessibbli b'mod universali. Kull parteċipant jirreġistra l-portafoll tiegħu: il-kumpaniji li jixtiequ jkunu ospitant jipprovdu informazzjoni dwar x'joffru – u l-ħaddiema jippreżentaw il-kontribut u l-objettivi tagħhom għal esperjenza ta' apprendiment. Il-pjattaforma se tinkludi wkoll informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' finanzjament disponibbli u r-rabta ma' siti relatati oħrajn. Il-ħaddiema li pparteċipaw fi programm ta' mobbiltà tal-apprendiment għandhom jikkondividu l-esperjenzi tagħhom permezz ta' rapport. Din il-pjattaforma tgħin biex jiġi kkoordinat aħjar l-iskambju tal-ħaddiema u biex il-proċeduri amministrattivi jiġu ġestiti b'mod aktar simplifikat u armonizzat.

Ġustifikazzjoni

Din il-pjattaforma tippermetti lill-impjegaturi jiskambjaw informazzjoni dwar opportunitajiet u modi kif jimplimentaw dawn l-iskambji. Barra minn hekk, ikun spazju komuni għall-impjegati biex jifhmu x'inhu disponibbli fis-suq fir-rigward tal-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment.

Rakkomandazzjoni 16

INFORMAZZJONI DWAR IL-MOBILTÀ TAL-ĦADDIEMA FL-EWROPA



Rakkomandazzjoni 17

Kampanji ta' informazzjoni mmirati dwar il-mobbiltà tal-apprendiment


Aħna nirrakkomandaw kampanji ta' informazzjoni iżgħar u mmirati għal żewġ gruppi fil-mira differenti: a) adolexxenti/studenti u b) adulti (professionisti, ħaddiema eċċ.). Kull grupp jeħtieġ approċċ distint. L-ewwel strument li nistgħu nużaw huwa l-ambaxxaturi b'esperjenza preċedenti fil-mobbiltà tal-apprendiment, li jipromwovuha kemm lill-adolexxenti kif ukoll lill-adulti/lill-professionisti billi jikkondividu l-“istejjer ta' suċċess” tagħhom. Din il-miżura tista' tkun effettiva wkoll għal gruppi bħall-anzjani, eċċ. Dawn l-ambaxxaturi jistgħu jkunu stazzjonati f'kunsilli lokali u jżuru skejjel u postijiet oħrajn. Għandha tiġi inkluża persuna speċjalizzata fil-kwistjonijiet tekniċi u prattiki tal-mobbiltà tal-apprendiment. It-tieni strument, li jiffoka fuq l-istudenti u ż-żgħażaġħ, jista' jkun modi ibridi u kreattivi kif dawn jintlaħqu, pereżempju permezz tal-media soċjali (hashtags, informazzjoni online eċċ.) u settijiet ta' informazzjoni fiżika dwar il-mobbiltà tal-apprendiment. Din it-tip ta' kampanja tista' twassal għal ċirkolazzjoni usa' ta' informazzjoni u “effett ta' valanga”.

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' għarfien dwar il-mobbiltà tal-apprendiment jagħmilha impossibbli għan-nies li jinvolvu ruħhom fiha. L-aċċess għall-informazzjoni se jwessa' l-parteciċipazzjoni.

Rakkomandazzjoni 17

KAMPANJI TA' INFORMAZZJONI MMIRATI DWAR IL-MOBBLITÀ TAL-APPRENDIMENT



Rakkomandazzjoni 18

Miżuri u attivitajiet għall-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni fil-mobbiltà tal-apprendiment


Aħna nagħmlu distinzjoni bejn iż-żgħażaġh fl-iskejjel u l-adulti fil-postijiet tax-xogħol, u niffokaw fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet f'kull wieħed minn dawn l-ambjenti. Aħna niżguraw li l-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol ikunu spazji mhux diskriminatorji għall-adolesxenti u għall-professjonisti fir-rigward ta' diversi fatturi bħall-età, il-ġeneru, is-saħħa, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon, eċċ. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-Kummissjoni Ewropea jeħtieġ li talloka fondi u riżorsi lill-partijiet differenti involuti: il-familji ospitanti għall-adolesxenti, u l-kumpaniji u l-NGOs għall-adulti. Huma meħtieġa l-attivitajiet li ġejjin: il-familji u l-kumpaniji ospitanti għandhom ikunu lesti għal dak li jinvolvi biex jospitaw lil xi ħadd u għandhom jiġu mħarrġa minn persuni speċjalizzati fi kwistjonijiet interkulturali (ombudspersons). Dan huwa partikolarment importanti għal gruppi aktar vulnerabbli. Dawn l-attivitajiet jistgħu jgħinu biex tittejjeb l-esperjenza tal-mobbiltà u tiġi mminimizzata d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, għandhom jiġu pprovduti inċentivi lill-familji u lill-kumpaniji biex jappoġġawhom ulterjorament.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġu żgurati s-sikurezza u l-“unità fid-diversità” għall-istudenti mobbli u għall-adulti.

Rakkomandazzjoni 18

MIŻURI U ATTIVITAJIET GĦALL-PROMOZZJONI TAN-NONDISKRIMINAZZJONI FIL-MOBILTÀ TAL-APPRENDIMENT



Rakkomandazzjoni 19

Eliminazzjoni tal-preġudizzji billi tiġi mħeġġa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tal-kollokamenti tal-Erasmus+

Sabiex iċ-ċittadini jiġu mħeġġa japplikaw għal firxa aktar diversa ta' destinazzjonijiet tal-Erasmus+, aħna nrrakkomandaw azzjonijiet f'żewġ livelli:

1. Fil-livell istituzzjonali tal-UE: nrrakkomandaw li l-Kummissjoni tifformula prinċipji li l-istituzzjonijiet li jipparteċipaw fl-Erasmus+ għandhom jikkunsidraw meta jiddeċiedu dwar u meta jġeddu l-ftehimiet ta' sħubija ma' istituzzjonijiet edukattivi oħrajn.

Biex tikkomplementa dan, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa wkoll pjattaforma online li fiha l-applikanti jistgħu jdaħħlu l-interessi, il-lingwi, il-preferenzi tagħhom, eċċ., u mbagħad tirċievi suġġerimenti ta' destinazzjonijiet li jkunu jaqblu magħhom. Din is-sistema ta' "rakkomandaturi" tista' żżid id-diversità tal-postijiet billi tkeġġeg lin-nies biex imorru f'postijiet li kieku ma kinux jikkunsidraw.

2. Fil-livell tal-Istati Membri: aħna nrrakkomandaw li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex iżidu l-għadd ta' parteċipanti tal-Erasmus+ li jirċievu. L-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-istituzzjonijiet edukattivi nazzjonali tagħhom biex joffru aktar korsijiet bl-Ingliż.

Ġustifikazzjoni


Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għal żewġ raġunijiet ewlenin:

Jekk ċerti Stati Membri/destinazzjonijiet jitqiesu anqas mixtieqa, il-postijiet disponibbli fil-programm Erasmus+ jistgħu jinħlew. Ċerti pajjiżi bħal Spanja jirċievu wisq sottoskrizzjonijiet, iżda jkun hemm aktar postijiet disponibbli għan-nies biex jieħdu sehem fil-programm Erasmus jekk in-nies ikunu mħeġġa jmorru f' destinazzjonijiet aktar diversi.

It-tieni, jekk in-nies imorru f'postijiet ġodda li ma kellhomx ħafna informazzjoni dwarhom, jew jekk jiskopru kulturi ġodda, dan iżid ukoll il-fehim tagħhom ta' kulturi oħrajn u jgħin biex jingħelbu l-preġudizzji u x-xorta.

Rakkomandazzjoni 19

ELIMINAZZJONI TAL-PREĠUDIZZJI BILLI TIĠI
MĦEĠĠA DISTRIBUZZJONI AKTAR
IBBILANĊJATA TAL-KOLLOKAMENTI TAL-
ERASMUS+



Rakkomandazzjoni 20

Valutazzjoni tal-ostakli amministrattivi li jiffaċċjaw l-impjegati u l-impjegaturi u kif jingħelbu

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea għandha twestaq valutazzjoni tal-ostakli li jiffaċċjaw l-impjegati biex jipparteċipaw fi programmi ta' mobiltà tal-apprendiment (pereżempju kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, pensjonijiet). Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll il-ħtiġijiet u l-motivazzjonijiet tal-impjegaturi biex jibagħtu lill-impjegati tagħhom barra mill-pajjiż. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippromovi miżuri ulterjuri biex jingħelbu dawn l-ostakli.


Ġustifikazzjoni

Hemm riskju, b'mod partikolari għall-ħaddiema, li ma humiex se jkunu jistgħu jmorru barra mill-pajjiż minħabba li hemm wisq ostakli amministrattivi, pereżempju, relatati mas-sigurtà soċjali jew mal-pensjoni tagħhom. Jistgħu jittrasferixxu dawn il-benefiċċji faċilment bejn l-Istati Membri? Iċ-ċittadini jeħtieġ li jiġu appoġġati biex jiffaċċjaw dawn l-isfidi amministrattivi. Din hija r-raġuni għaliex nirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea twestaq studju ta' dawn l-isfidi, sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Rakkomandazzjoni 20

VALUTAZZJONI TAL-OSTAKLI AMMINISTRATTIVI LI JIFFAĊĊJAW L-IMPJEGATI U L-IMPJEGATURI U KIF JINGĦELBU

Saħħa tal-appoġġ
4.8



Rata ta' approvazzjoni: 87

Rakkomandazzjoni 21

Promozzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni mmirata għall-Erasmus+


Aħna nirrakkomandaw li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom isiru konxji tal-Erasmus+ fi żmien 3 snin. Dan għandu jinkiseb permezz tal-ħolqien ta' strateġija ta' komunikazzjoni effettiva mmirata lejn gruppi speċifiċi li ma jkunux konxji ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u infurmati dwarhom. Dawn il-gruppi jinkludu, iżda ma humiex limitati għal, persuni b'diżabilità, ħaddiema, daww qiegħda, daww finanzjarjament żvantaġġati, persuni li jgħixu f'żoni rurali, persuni mingħajr edukazzjoni terzjarja, u persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Ġustifikazzjoni

Hemm bosta opportunitajiet u programmi għall-mobbiltà tal-apprendiment, bħall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Barra minn hekk, diġà ġew żviluppati ċentri ta' informazzjoni bħall-pjattaforma Erasmus+ u l-applikazzjoni tal-Erasmus+. Madankollu, din l-informazzjoni ma hijjex aċċessibbli faċilment u ma tilħaqx il-gruppi rilevanti kollha. Għalhekk, nirrakkomandaw li jiġi stabbilit l-għan li jintlaħqu ċ-ċittadini kollha tal-UE fi żmien 3 snin billi jinħolqu kampanji mfasla biex jintlaħqu gruppi fil-mira speċifiċi li jistgħu ma jkunux jistgħu jaċċessaw jew jibbenefikaw mill-informazzjoni disponibbli bħalissa.

Rakkomandazzjoni 21

PROMOZZJONI TA' STRATEĠIJA TA' KOMUNIKAZZJONI MMIRATA GĦALL-ERASMUS+



Rata ta' approvazzjoni: 85%

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
- permezz ta' din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

Data miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

